**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgha, 26 ta' April 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 32/2019 BS**

**Michelangelo Attard**

**-vs-**

**Joseph Bajada; Karen Bajada u Carmel Attard**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1. «*Premess illi r-rikorrenti jippossjedi raba', parti minn raba' akbar, liema raba' jinsab fil-kontrada maghrufa bhala ta' Ghajn Lukin fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex u huwa ahjar delinjat bl-ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Premess illi l-konvenut Carmel Attard ghandu proprjeta' ohra fl-istess inhawi pero' mhux biswit jew konfinanti mal-proprjeta' li jippossjedi l-attur;*

3. *Premess illi fid-disgha (9) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) l-intimati Joseph Bajada u Carmel Attard zgassaw il-kamra*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 5 b'dokumenti a fol 6 sa 10.

*agrikola tar-rikorrent li tinsab gewwa l-stess raba' tar-rikorrent kif ukoll kissru l-arlogg tad-dawl li jinsab gol-kamra, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Premess illi r-rikorrenti ddenunzja l-kwerela tieghu b'ittra hawn annessa u mmarkata Dok B, pero' baqa ma sar xejn;*

5. *Premess illi sussegwentement fit-13 ta' Marzu 2019, Joseph Bajada saq vettura gol-proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ebda awtorizazzjoni, b'mod klandestin u illegali kif ukoll b'dannu ghalih stante illi ghaffeg il-wicc taz-zergha li wasal biex jinhasad, li kien qieghed gewwa l-istess proprjeta' tar-rikorrenti. Konsegwentment rega sar rapport iehor mal-Pulizija;*

6. *Premess illi konsegwentment fit-24 u fil-25 ta' Marzu 2019, l-intimata Karen Bajada dahlet klandestinament go l-istess ghalqa flimkien ma binha Etienne Bajada, u stallaw wajer u CCTV cameras u wahluhom gewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti liema cameras jaghtu ghal-proprjeta' tar-rikorrenti li gie rraportat mal-pulizija ukoll;*

7. *Premess illi f'dawn il-granet u proprjament fid-9 ta' April 2019 l-intimata Karen Bajada poggiet u halliet vettura minghajr licenzja gewwa l-proprjeta' tal-attur minghajr l-awtorizazzjoni u l-kunsens tieghu, anzi b'mod klandestin b'dana illi issa huwa privjat totalment milli jidhol gewwa l-ghalqa tieghu;*

8. *Premess illi dawn l-atti da parti tal-intimati huma illegali u abbuzivi u jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attur;*

9. *Premess illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra legali datata l-14 ta' Marzu 2019 u ittra ufficcjali numru 191/2019 datata id-29 ta' Marzu 2019, (annessi u mmarkati bhala Dok C u dok D, rispettivament) sabiex jisporgu dan l-ispoll, l-intimat baqghu inadempjenti;»*

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. «*Tiddikjara illi l-intimati kkommetew spoll vjolenti u klandestin meta qabdu u dahlu fil-proprjeta' ossia ghalqa fil-pussess tal-attur fid-9 ta' Marzu 2019 u tal-granet ta' wara, kisru l-bieba li*

*taghti ghal gol-kamra agrikola kif ukoll l-arlogg tad-dawl u sussegwentment qieghdu trakk biex ostakolaw l-access liberu tal-istess attur ghal-ghalqa gewwa x-Xaghra fl-inhawi ta' Ghajn Lukin kif ukoll ghamlu hsara fil-wicc tar-raba' tieghu u zammewh milli jaccedi ghal-istess raba';*

2. *Tikkundanna lil-intimati biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jizgumbraw mil-art fil-pussess tar-rikorrenti u jergghu jreggghu kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll;*

3. *Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel hu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji a spejjes tal-intimati;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru numru 191/2019.»*

**Rat** li minkejja li l-konvenuti ntavolaw **risposta ġuramentata** konguntiva,[2] l-istess giet sfilzata permezz tas-sentenza preliminari moghtija nhar it-3 ta' Lulju, 2020 li biha l-konvenuti gew ilkoll dikjarati kontumacji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi[3] izda giet imbaghad reintegrata fir-rigward biss tal-konvenut Joseph Bajada ai termini tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Ottubru, 2021 u dan kif isegwi:

1. ILLI fil-kaz prezenti ma jezistux t-tlett elementi rikjesti mill-ligi ghal ezercizzju tal-kawza ta' spoll privilegjat u cioe' il-pussess, l-element tal-ispoll vjolenti u klandestin u l-ezercizzju tal-istess kawza fiz-zmien xahrejn, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

2. ILLI ghalhekk it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dirtt, u dan ghaliex mhux minnu illi l-konvenuti ikkommettew spoll vjolenti u klandestin billi dahlu fil-proprjeta' ossia ghalqa ossija entrata, allegatament fil-pussess tal-attur fid-9 ta Marzu 2019 u fil-granet sussegwenti. Illi fir-realta' din l-entrata dejjem kienet fil-pussess tal-istess konvenuti u dejjem hallewha

---

[2] Risposta guramentata a fol 26 sa 28 b'dokumenti a fol 29 sa 35.
[3] Kopja tas-sentenza preliminari a fol 84 sa 92.

miftuha sa' meta f'Ottubru 2018 il-konvenut Joseph Bajada ghamel katina tal-plastic biex hadt ma jipparkja hemm, kif jidher mill-anness ritratt markat Dokument 'JB2' wara li l-istess access gie imblokjat mill-attur l-ewwel bil-gebel (Dok JB) u wara bil-gaffa (Dok KB1). Din l-istess katina nehhiha min hemm Mario Attard fuq instruzzjonijiet tal-attur. L-ghada sar ostakolu mill-attur permezz ta' ringila gebel fl-istess entrata, kif ikkostataw membri tal-korp tal-Pulizija. Meta l-attur gie interpellat biex inehhi l-gebel li ghamel fl-istess passagg, din nehhija pero' wara ghamel kanna u mal-istess kanna ifforma *gate* biex jaghlaq l-access tal-konvenuti ghal istess entrata, liema *gate* ghadha hemm sal-illum;

3. Illi lanqas ma huwa minnhu li l-konvenuti jew xi hadt minhom kisser il-bieba li taghti ghal gol-kamra agrikola. Il-bieba giet maghluqa minn Mario u Lewis Attard fuq ordni tal-attur li wara li ghalqu l-fetha bil-kantun fetah bieb iehor mal-hajt li jmissa ma' ta' Louis Attard u fuq dan sar rapport lill-Pulizija Ezekuttiva. Illi l-konvenuti ghalhekk ma kisru l-ebda arlogg tad-dawl u t-trakk qieghed fir-raba' fil-pussess tal-istess konvenuti u kien marbut b'katnazz bl-alarm min taht it-*tow bar* ghal ma nofs il-*gate* li ghamlu l-istess atturi, liema katnazz gie ukoll imkisser sussegwentament min xi hadt li kellhu interess li jaghmel hekk. Illi l-konvenuti lanqas ma ghamlu hsara fil-wicc tal-entrata, li l-attur issejhilha raba' li dejjem kienet fil-pussess tal-konvenuti. Illi ghar-raba' tieghu, l-attur ghandu access min post iehor u jekk xi darba dahal min din l-entrata dan kien fil-buonograzzja tal-istess konvenuti;

4. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ir-ragunijiet kollha illi ser jirrizultaw fil-mori ta' dina l-procedura, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

5. Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-istess attur.

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-pjanta u *site-plan* ezebiti mar-rikors promotur tal-attur li juru art ossia raba' indikat delinjat bl-ahmar.[4]

**Rat** il-kwerela tal-attur kontra l-konvenuti Joseph Bajada u Carmel Attard datata l-11 ta' Marzu, 2019 dwar sgassar ta' bieb ta' kamra agrikola, tkisser ta' arlogg tad-dawl, u serq ta' xi oggetti minn gewwa xi raba'.[5]

**Rat** l-ittra legali responsiva mibghuta ghan-nom tal-attur lill-konvenut Joseph Bajada u datata l-14 ta' Marzu, 2019 dwar kwistjoni fuq dritt ta' passagg mir-raba' tal-attur kif ukoll b'talba ghal-hlas ta' danni relattivi ghall-isgassar tal-bieb tal-kamra agrikola u t-tkissir ta' l-arlogg tad-dawl.[6]

**Rat** il-kopja ta' l-ittra gudizzjarja td-29 ta' Marzu, 2019 mibghuta mill-attur lill-konvenuti kollha kif ukoll lill certu E. Bajada b'talba sabiex jitnehhew il-*cameras* tas-*CCTV* u bi twissija li fin-nuqqas jittiehdu l-proceduri opportuni.[7]

**Rat** il-kopja ta' ittra gudizzjarja annessa mar-risposta guramentata, datata t-3 ta' Jannar, 2019 u mibghuta mill-konvenuti lill certi L. Attard u M. Attard li mhumiex parti minn din l-istanza.[8]

**Rat** in-nota tal-attur tal-21 ta' Gunju, 2019 li biha ezebixxa, *inter alia,* [i] sensiela ta' ritratti li juru arbli tad-dawl b'maghhom mwahhlin *cameras* tas-*CCTV*; [ii] *stills* mehuda minn filmat tas-*CCTV cameras* li juru trakk miexi fir-raba' u jgibu d-data ta' l-24 ta' Marzu, 2019; [iii] *stills* mehuda minn filmat tas-*CCTV cameras* li juru ragel libes flokk ahmar u *tractor* miexi fir-raba' u jgibu d-

[4] Pjanta a fol 6.
[5] Kwerela a fol 7 – inkluz in verso pagina.
[6] Ittra legali a fol 8 – inkluz in verso pagina.
[7] Kopja nformali tal-ittra gudizzjarja a fol 9.
[8] Kopja nformali ta' ittra gudizzjarja a fol 33.

data ta' l-24 ta' April, 2019; [iv] *stills* mehuda minn filmat tas-*CCTV cameras* li juru mara fuq trakk parkeggjat magenb kamra agrikola u jgibu d-data tad-9 ta' April, 2019, u; [v] *still* mehuda minn filmat tas-*CCTV cameras* li juri tnejn min-nies igorru oggett fir-raba'.[9]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2019 l-attur iddikjara l-provi tieghu maghluqha.[10]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2019 il-kawza giet iddifferita ghal gustifikazzjoni dwar il-kontumacja tal-konvenuti.[11]

**Rat** l-atti gudizzjarji mressqa mill-partijiet dwar il-kontumacja tal-konvenuti.[12] Rat ukoll it-traskrizzjoni tax-xhud tabib kuranti tal-konvenut Joseph Bajada, il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri.[13]

**Rat** id-digriet tat-3 ta' Lulju, 2020 li bih iddikjarat li l-konvenut Joseph Bajada kien gie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar id-29 ta' April, 2019.[14]

**Rat** is-sentenza preliminari moghtija nhar it-3 ta' Lulju, 2020 li biha l-konvenuti gew ilkoll dikjarati kontumacji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bir-risposta guramentata li kienet talvolta giet intavolata minnhom giet sfilzata.[15]

**Rat** in-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-attur.[16]

**Rat** id-decizjoni finali moghtija nhar il-15 ta' Jannar, 2021 li biha, fil-kontumacja tal-konvenuti, gew milqugha t-talbiet atturi.[17]

---

[9] Ilkoll f'envelop ta' lewn kannella a fol 52.
[10] Verbal a fol 64 u 65.
[11] Verbal a fol 66.
[12] Rikors tal-konvenut Joseph Bajada a fol 70 – inkluz in verso pagina. Risposta tal-attur a fol 80 u 81.
[13] Traskrizzjoni a fol 71 sa 78.
[14] Digriet a fol 83.
[15] Kopja tas-sentenza preliminari a fol 84 sa 92.
[16] Nota a fol 94 sa 106.
[17] Kopja tas-sentenza afol 117 sa 125.

**Rat** li l-konvenuti ntavolaw appell kemm mid-decizjoni preliminari tat-3 ta' Lulju, 2020 kif ukoll minn dik finali tal-15 ta' Jannar, 2021.[18]

**Rat** id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell moghtija nhar is-27 ta' Ottubru, 2021 li biha [i] giet imhassar d-decizjoni preliminari dwar il-kontumacja moghtija nhar it-3 ta' Lulju, 2020 biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada; [ii] giet ikkonfermata s-sentenza finali tal-15 ta' Jannar, 2021 dwar il-mertu tal-*actio spolii* fil-konfront tal-konvenuti Karen Bajada u Carmel Attard b'dan izda li l-istess giet dikjarat mhux applikabbli fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada, u; [iii] sussegwentement l-atti gew rinvijati lura lill din il-Qorti sabiex jigu decizi t-talbiet tal-*actio spolii* fil-konfront ta' Joseph Bajada abbazi tal-eccezzjonijiet tieghu u l-provi li jressaq, bir-risposta talvolta diga' intavolata minnu flimkien mal-konvenuti l-ohra baqghet applikabbli ghalih biss.[19]

**Rat** in-nota tal-konvenut Joseph Bajada tat-28 ta' April, 2022[20] b'diversi dokumenti mehmuza maghha nkluz [i] varji affidavits;[21] [ii] filmati migbuda mill-istess konvenut Joseph Bajada;[22] [iii] pjanta tar-Registru tal-Artijiet awtentikata minn perit;[23] [iv] spjegazzjoni maghmulha mill-konvenut Joseph Bajada dwar raba' u passaggi tal-attur f'Ghajn Lukin, raba' taghhom il-konvenuti u ta' iben il-konvenuti Joseph u Karen Bajada, Etienne Bajada, u; dwar kif u fejn inghalaq il-passagg bi grada;[24] [v] kuntratt ta' donazzjoni li bih l-attur akkwista zewg porzjonijiet divizi ta' art f'Ghajn Lukin mil-poter taz-zija tieghu G. Spiteri;[25] [vi] ritratti mill-ajru mehudin fl-1978 u l-1988 li skont il-konvenut Bajada juru l-passagg in mertu;[26] [vii] estratt stilografat minn kuntratt ta' kompravendita' datat il-15 ta'

[18] Process tal-appell maghmul parti ntegrali mill-atti ta' din l-istanza bil-*folder* roza tal-Qorti tal-Appell impaginat fl-intier tieghu bhala fol 128.
[19] Kopja tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell in atti – mhux paginata.
[20] Nota a fol 142 u 142a.
[21] Sentesizzati fil-porzjon B ta' din id-decizjoni.
[22] Fuq *pendrive* maghluq f'envelop ta' lewn abjad a fol 171a.
[23] Pjanta a fol 172.
[24] Spjegazzjoni f'forma ta' dokument a fol 173 bi pjanta dettaljata annessa mieghu a fol 174.
[25] Kuntratt ta' donazzjoni datat is-7 ta' Lulju, 2010, in atti Nutar Anna Maria Mizzi, a fol 175 sa 177 bi pjanta a fol 178.
[26] Ritratti mill-ajru a fol 180 sa 185.

Settembru, 1976 in atti Nutar Antonio Galea li bih certu Michelangelo Attard u terzi akkwistaw porzjon raba' msejha "Ta' Ghajn Lukin";[27] [viii] kuntratti addizzjonali ta' akkwist mill-attur ta' raba' f'Ghajn Lukin li skont il-konvenut Joseph Bajada ma' jindikaw ebda drittijiet fuq passaggi;[28] [ix] ricerka fuq l-attur li skont il-konvenut Joseph Bajada ma' turix li l-attur akkwista jew li jippossjedi l-art jew passagg ikkontestat;[29] [x] ricerka fuq Victor Attard, hu l-attur, li skont il-konvenut Joseph Bajada ma' turix li gie akkwistat jew li hija pposseduta l-art jew passagg ikkontestat;[30] [xi] ricerka fuq Marie Lourdes Attard nee' Borg, bint Victor Attard, li skont il-konvenut Joseph Bajada wkoll ma' turix li gie akkwistat jew li hija pposseduta l-art jew passagg ikkontestat.[31]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2023 il-konvenut Joseph Bajada ddikjara l-provi tieghu maghluqha. Fl-istess udjenza gie ordnat access fuq il-post in mertu.[32]

**Rat** li nhar l-24 ta' Marzu, 2023 inzamm access fil-prezenza tal-partijiet debitament assistiti.[33]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u l-kontro-ezamijiet ezawriti bil-

[27] Estratt a fol 186 sa 188. Kuntratt intier a fol 189 sa 203.

[28] [a] Kuntratt ta' akkwist tal-21 ta' Marzu, 1995 in atti Nutar Enzo Dimech a fol 204 sa 205 bi pjanti a fol 206 u 207; [b] l-istess kuntratt ta' donazzjoni diga' ezebit li bih l-attur akkwista mil-poter ta' zitu G. Spiteri zewg porzjonijiet art diviz f'Ghajn Lukin – kuntratt tas-7 ta' Lulju, 2010 in atti Nutar Anna Maria Mizzi – a fol 208 sa 210 bi pjanta a fol 211; [c] dikjarazzjoni *causa mortis* dwar id-decujus Paolo sive Paul Attard armel ta' Lucia Attard li fuqha deher ukoll l-attur bhala dikjaranti flimkien ma' terzi u gew elenkati bhala parti mill-assi mmobiljari tad-decujus tlett porzjonijiet art divizi f'Ghajn Lukin, identifikati fi pjanta annessa mall-istess denunzja – ref para. 7 fil-pagna 7 tad-denunzja li tinsab a fol 218 tal-process – liema porzjonijiet ta' art gew imholliha lill-attur flimkien ma' terzi hutu fi kwoti ndaqs bejniethom bid-dikjaranti ddikjaraw ukoll li *huma ddeskrivew fedelment u onestament il-konsistenza tal-proprjeta' immobiljari li wirtu minghand l-imsemmija Lucia Attard u jirriservaw id-dritt illi jikkoregu din id-dikjarazzjoni f'kull zmien f'kas li jkunu nkorrew f'xi inezattezza jew ommisjsoni* – ref para. fuq nett tal-pagna 14 tad-denuznja li tinsab a fol 225 – dikjarazzjoni *causa mortis* a fol 212 sa 225 bil-pjanta relattiva ghal-art ta' Ghajn Lukin a fol 226.

[29] Ricerka a fol 227 sa 294.

[30] Ricerka a fol 295 sa 362.

[31] Ricerka a fol 363 sa 384.

[32] Verbal a fol 445.

[33] Verbal a fol 448.

kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet finali kif ukoll ghal-llum ghas-sentenza.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[34]

## B. Provi:

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Michelangelo Attard**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[35]

Jiddikjara li huwa sid medda raba' f'Ghajn Lukin fix-Xaghra, Ghawdex.

Jghid li fl-ahhar ta' Novembru, bidu ta' Dicembru, 2018 huwa zergha l-istess raba' billi bhas-soltu qabbad lill certu Salvu jaghmel dan ix-xoghol.

Izid li Salvu mar qallu li waqt li kien qed jaghmel dak mitlub minnu avvicinah il-konvenut Joseph Bajada li beda jeddu sabiex ma' jizrax l-entrata. Izid li din l-istess entrata hija proprjeta' tieghu, parti mir-raba' tieghu.

Jghid li Salvu qallu li huwa ma' zerghax dik il-parti ghax beza' minn Bajada.

Jghid li ghalhekk huwa qabbad lill certu Anthony Micallef jizra fejn ma' zerghax Salvu.

Jispjega li din il-medda art li qamet din il-kwistjoni fuqha hija strixxa tawwalija li tibda minn hdejn il-wied u tibqa tiela sa nofs is-sined. Izid li din ilu erbgha jew hames snin jizraghha.

[34] Nota tal-attur a fol 483 sa 497. Nota tal-konvenut Joseph Bajada tal-15 ta' Frar, 2024 – mhux paginata.
[35] Affidavit a fol 39 u 40.

Jiddikjara li ghalkemm din il-medda art in kwistjoni qieghed isejhila entrata, din hija fil-fatt parti mir-raba' tieghu u hadd m'ghandu dritt jghaddi minnha ghajr kuginuh Joseph Refalo.

Jiddikjara li apparti li dan ir-raba' jinsab fil-pussess tieghu, membri ohra tal-familja tieghu jiffrekwentawh ukoll.

Jghid li fil-bidu ta' Marzu 2019 beda l-inkwiet mal-konvenuti meta l-konvenuti Joseph Bajada u Carmel Attard zgassaw il-bieb tal-kamra agrikola tieghu fl-istess raba' u kissru l-arlogg tad-dawl. Izid li n-neputijiet tieghu qabduh jaghmel dan bil-*cameras* tas-*CCTV*.

Jghid li dwar dan ghamel kwerela mal-pulizija izda ma' sabx ghajnuna.

Jghid li wara dan l-incident ghamlu xatba tal-hadid b'katnazz. Izid li minkejja x-xatba, u fit-13 ta' Marzu, 2019 il-konvenut Joseph Bajada dahal b'trakk fir-raba' tieghu u ghamillu l-hsara fil-wicc tar-raba'.

Jiddikjara li huwa ttenta jevita din il-kawza nkluz billi rrikorra ghand il-pulizija u bghat ittri legali. Izid li dan safa inutili.

**Carmelo Attard** – mhux il-konvenut tal-istess isem – xehed permezz ta' affidavit.[36]

Jiddikjara li huwa ilu ghomru familjari mal-inhawi tas-sined.

Jghid li l-konvenut Carmel Attard ghandu raba' gej mir-razza "Ta' Kanc". Izid li missier l-istess konvenut Attard kien jidhol f'tali raba' mill-entrata "Tal-Mahrufa" li tigi fuq il-Punent. Jghid li din l-entrata m'ghandha xejn x'taqsam mar-raba' tal-attur. Izid li fuq ir-raba' tal-attur m'hemm ebda passagg.

[36] Affidavit a fol 41 u 42.

Jghid li terz, certu Gorgi, li ghandu raba' fil-vicinanzi kellu jibni rampa tant li m'hemmx passagg minn fuq tal-attur.

Jiddikjara li familtu, maghrufa bhala "Ta' Muha", ghandha raba' magenb tal-attur li huwa maghruf bhala "Ta' Frendo". Izid li ghalhekk huwa ilu familjari ma' dawn l-inhawi ghomru kollu. Jinsisti li mill-ghalqa tal-attur hadd ma' jghaddi, la l-konvenut u anqas hadd.

Jiddikjara li l-attur ghandu kamra fir-raba' tieghu liema kamra ilha hemm xi 30 sena.

Jghid li r-raba' kollu tal-attur, inkluz dik l-istraxxa li gieli l-attur stess juza bhala entratura u l-kamra fiha, huma tal-attur u ilhom f'idejn l-attur minn dejjem.

Jiddikjara li dan l-ahhar – irrilaxxa l-affidavit tieghu f'Mejju, 2019 – beda l-inkwiet mal-konvenut u dan meta n-neputi tieghu – tax-xhud – rranga hajt li kien ilu mibni f'taghhom xi 60 sena.

Jghid li kien ghalhekk li n-neputi tieghu hass li kellu jaghmel il-*cameras* tas-*CCTV*.

Jghid li fil-bidu ta' Marzu, 2019 ra l-bieb tal-kamra tal-attur zgassat u l-arlogg tad-dawl fl-istess kamra mkisser. Izid li jaf li kienu gew involuti l-pulizija ghax ra l-karozzi tal-pulizija fil-post.

Jghid li ghal bidu ta' April 2019 innota trakk fir-raba' tal-attur li kien ghaddha mir-raba' tal-istess attur u ghaffiglu z-zergha. Izid li wara sar jaf li tali trakk huwa tal-konvenut Bajada. Jghid li mid-dehra l-istess trakk thalla hemm, fuq ir-raba' tal-attur, bl-attur m'ghandux mnejn jghaddi sabiex jahsad iz-zergha.

Jiddikjara li huwa jaf li r-raba' tal-konvenut Carmel Attard jasal sa mat-triq b'dan li m'ghandu mhodija minn imkien jekk mhux direttament mit-triq.

**Francis Attard**, sid ta' raba' vicin dik tal-attur, xehed permezz ta' affidavit.[37]

Jiddikjara li huwa sid ta' porzjon raba' qrib tal-attur. Izid li r-raba' tal-attur jibda minn fuq il-wied fejn id-dahla ta' Ghajn Lukin u jibqa' tiela sa taht is-sies.

Jghid li huma gieli ghaddew mir-raba' tal-attur, anke meta dan kien ghadu ghand is-sidien precedenti izda kien mqabbel lill certu Bonello. Izid izda li dan kien isir biss bil-pjacir tas-sid.

Jghid li Bonello, malli kienet tghaddi Santa Marija, kien jaghlaq il-gradi sabiex ma' jghaddulux aktar. Izid li l-mghodija taghhom ma' kienitx mir-raba' tal-attur izda tinsab fuq il-Punent fejn taghhom imiss ma' tal-Gvern.

Jiddikjara li huwa ma' jaf b'hadd li ghandu dritt jghaddi minn fuq ir-raba' tal-attur.

Jghid li huwa midhla tal-inhawi u jinzel hemm sikwiet. Izid li r-raba' tal-attur ilu jafha f'idejn l-attur u familtu.

Jghid li jaf li l-konvenut Carmel Attard ukoll ghandu raba' fl-inhawi. Izid li l-istess raba' tal-konvenut Carmel Attard imiss mat-triq u sa fejn jaf hu ghandu l-access direttament mit-triq.

Jghid li l-attur ghandu kamra fir-raba' tieghu. Izid li dan l-ahhar innota li l-bieb tal-istess kamra nbidel.

Jiddikjara li f'Marzu, 2019, ir-ragel ta' bint il-konvenut Carmel Attard halla trakk fir-raba' tal-attur b'dan li minn dakinhar l-attur m'ghadux jista' jaccedi hwejgu.

Jghid li l-konvenut Carmel Attard u familtu qatt ma' kienu fir-raba' tal-attur u kien biss fl-ahhar gimghat li bdew jaghmlu hemm taghhom.

---

[37] Affidavit a fol 43 u 44.

**Joseph Vella**, sid ta' porzjon raba' vicin dak tal-attur, xehed permezz ta' affidavit.[38]

Jiddikjara li huwa ghandu porzjon raba' li tmiss mar-raba' tal-attur.

Jghid li huwa ilu midhla tal-inhawi ghal xi 35 sena u jmur fir-raba' tieghu ghalmenu darba fil-gimgha.

Jghid li r-raba' li hemm il-kwistjoni fuqu dejjem jafu ghand l-attur. Izid li r-raba' tal-attur m'ghandux x'jaqsam ma' raba iehor gej min "Ta' Kanc".

Jiddikjara li lill-konvenuti jafhom. Jghid li lill-konvenut Carmel jafu jahdem ir-raba' li wkoll imiss ma' tieghu izda minn naha l-ohra ghal fejn tieghu imiss ma' tal-attur. Jispjega li r-raba' tieghu jinsab bejn tal-attur fuq il-Lvant u tal-konvenut Carmel Attard fuq il-Punent.

Jghid li r-raba' tal-konvenut Carmel, bhal tieghu, jasal sat-triq u ghandu access mill-istess triq.

Izid li r-raba' tal-konvenut Carmel jinhadem f'parti minn Carmel stess u parit ohra mir-ragel ta' bintu.

Jghid li dan l-ahhar bint Carmel u zewgha pparkjaw trakk taghhom fir-raba' tal-attur bit-trakk ilu hemm xi xahrejn u qed jinnega l-access tal-attur ghal hwejgu.

Jghid li sabiex it-trakk gie pparkjat f'ta' l-attur bilfors li rifess il-wicc tar-raba' tal-attur.

Jiddikjara li wkoll dan l-ahhar – qed jixhed f'Mejju, 2019 – u qabel ma' ipparkjaw it-trakk kif spjega, il-konvenut Carmel nstalla *cameras* mal-arbli bejn ir-raba' tieghu – tax-xhud – u dak

[38] Affidavit a fol 45.

tal-attur sabiex joqod jara x'qed jigri. Jghid li dan ghamlu minghajr kunsens tieghu u tal-attur. Izid li l-arbli huma tal-Gvern izda l-*cameras* twahhlu maghhom mill-konvenut.

Jghid li meta kkonfronta lill-konvenut Carmel dwar il-*cameras* dan l-ewwel qallu li lilu ma' kienux ser itellfuh imbaghad beda jwahhal fil-perit.

**Victor Attard**, hu l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[39]

Jiddikjara li r-raba' in mertu ilu f'idejn familtu ghal' fuq minn 45 sena. Izid li illum huwa prorpjeta' ta' huh, l-attur, billi wara li dan wiret xi bicciet kompla akkwista bicciet ohra b'illum ghandu madwar 30 tomna jew fuqhom.

Jghid li sakemm dahlu l-konvenuti, huh l-attur kien jahdem dan ir-raba' minghajr xkiel.

Jiddikjara li f'Marzu, 2019 xi hadd kisser il-bieb tal-kamra agrikola ta' huh l-attur. Izid li tkisser ukoll l-arlogg tad-dawl.

Jghid li minhabba f'dan l-agir huma ghamlu l-*cameras* tas-*CCTV*. Jghid li jahseb li minn ghamel din il-hsara xorta nqabad b'*cameras* li ghandhom "Ta' Muha".

Jiddikjara li l-konvenut Carmel Attard ghandu raba' fl-inhawi li ma' jmissx ma' ta' huh. Jghid li bejn ta' huh u tal-konvenut hemm raba' iehor li huwa ta' Joseph Vella.

Jghid li l-konvenut Carmel m'ghandux x'jaqsam mar-raba' ta' huh. Izid izda li minkejja dan, dan l-ahhar beda jaghmel xi pretensjonijiet.

Jghid li f'Marzu, 2019 bint il-konvenut Carmel dahlet fir-raba' ta' huh u ghafgitlu l-wicc mizrugh. Jghid li dan raha taghmlu minn fuq il-*cameras*. Izid li dan l-incident sehh xi gimghat wara

[39] Affidavit a fol 46 u 47.

li tkisser il-bieb tal-kamra ta' huh. Izid li ftit qabel dan ir-ragel ta' bint il-konvenut Carmel Attard kellu xi jghid ma' "Ta' Muha" li ghandhom ukoll raba' fil-vicinanzi.

Jghid li wara li l-konvenuti kellhom xi jghidu ma' "Ta' Muha" bdew jippretendu li jghaddu minn fuq ta' huh. Izid li dan wassal ghal-invijar tal-ittri legali wara liema mbaghad il-konvenuti hallew trakk ipparkjat fuq ir-raba' ta' huh.

Jghid li b'rizultat tat-trakk merhi f'ta' huh mil-konvenuti huma gew prekluzi milli jaccedu ghal hwejjighom.

Jghid li ma' jafx ghalfejn il-konvenuti qed jaghmlu dawn il-pretensjonijiet ghaliex l-istess konvenuti m'ghandhomx x'jaqsmu mar-raba' ta' huh, apparti li ghandhom access direttament mit-triq.

Jghid li r-raba' kollu "Ta' Kanc" jghaddu minn fuq xulxin mentri ta' huh, maghruf bhala "Ta' Frendo" huwa ghal kollox indipendenti.

**Marie Lourdes Borg**, neputija tal-attur, xehdet permezz ta' affidavit.[40]

Tiddikjara li r-raba' in mertu huwa ta' zijuha l-attur u ilu fil-pussess tieghu. Tghid li missierha, hi, u huha, bil-kuntentizza ta' zijuha, gielu jinzlu f'dan ir-raba'. Izzid li huma jirrikonoxxu lill zijuha l-attur bhala l-uniku sid tar-raba',

Tiddikjara li f'Marzu, 2019 gew installati *CCTV cameras* mal-kamra agrikola ta' zijuha. Izzid li dan sar wara li l-konvenuti nqabbdu bil-*cameras* ta' Attard maghrufin bhala "Ta' Muha" jivvandalizzaw il-kamra ta' zijuha.

Tiddikjara li hija rat il-filmat mehud mill-*cameras* "Ta' Muha" fid-9 ta' Marzu, 2019 fejn jidhru tnejn minn nies li fil-fehma

[40] Affidavit a fol 48 u 49.

taghha huma l-konvenuti Joseph Bajada u Carmel Attard jizgassaw il-bieb tal-kamra ta' zijuha li kien msakkar b'katnazz billi uzaw *grinder*. Izzid li fl-istess filmat dawn in-nies jidhru jgorru l-bieb li kien tal-kamra ta' zijuha ghal gol-kamra tal-konvenut Carmel Attard.

Tghid li wara dan l-incident huha u ommha marru ghamlu rapport l-ghassa. Izzid li mil-pulizija f'Ghawdex ma' sabux ghajnuna. Tghid li ghalkek zijuha kellu jaghmel kwerela direttament il-kwartieri tal-pulizija f'Malta.

Tghid li wara l-incident tal-bieb tal-kamra, u fit-13 ta' Marzu, 2019, hi u huha nizlu fir-raba' ta' zijuha u sabu trakk tal-konvenut Joseph Bajada pparkjat fiha. Tghid li t-trakk kien nstaq fuq ir-raba' ta' zijuha u ghaffiglu z-zergha. Izzid li dan kollu nqabad mis-*CCTV cameras* taghhom. Tiddikjara li ghal darb'ohra ghamlu rapport l-ghassa u t-trakk tnehha.

Tiddikjara li fl-24 u l-25 ta' Marzu, 2019 rat lill-konvenuta Karen Bajada ma' binha Etienne fir-raba' ta' zijuha. Izzid li ressqet lejhom u staqsiet x'kienu jaghmlu bil-konvenuta rrispondiet li setghet tara x'kienu jaghmlu. Tghid li fil-fatt kienu qed jghaddu xi wajers. Izzid li hadet filmat ta' dan kollu bil-mowbajl taghha. Izzid ukoll li wara dan il-konvenuta u binha wahhlu *CCTV cameras* ma' arbli tal-*Enemalta* li kienu diga' jinstabu fil-qamsa bejn ir-raba' ta' zijuha u dak ta' Joseph Vella.

Tiddikjara li dakinhar regghu ghamlu rapport mal-pulizija izda reggha ma sar xejn. Izzid li l-*cameras* ghadhom iharssu lejn ir-raba' ta' zijuha.

Tghid li fid-9 ta' April, 2019 regghat hi sabet trakk tal-konvenuti fir-raba' ta' zijuha. Tghid li bl-istess inghalaq ghal kollox l-access ghar-raba' ta' zijuha. Izzid li meta ccekjat il-filmat tas-*CCTV cameras* rat li t-trakk kien instaq hemm mill-konvenuta Karen Bajada. Izzid li t-trakk m'ghandux licenzja.

Tghid li fl-24 ta' April, 2019 lemhet lit-tifel tal-konvenuta Karen, ossia lill Etienne, jindika lill *tractor* li ghandu jahrat ukoll ir-raba' ta' zijuha. Tghid li mis-*CCTV cameras* taghhom raw li t-*tractor* kien ghadu kemm inxtara u kien qed jigi spjegat kif jinstaq. Izzid li l-filmat juri wkoll li meta wasal missierha fuq il-post Etienne harab.

**Louis Attard**, li familtu ghandha raba' fil-vicinanzi ta' dik tal-partijiet, xehed permezz ta' affidavit.[41]

Jiddikjara li huwa minn "Ta' Muha" u li familtu ghandha raba' li tmiss ma' dik tal-attur. Jezebixxi ritratt li juri l-inhawi.[42]

Jghid li l-inkwiet mal-konvenuti beda meta l-konvenut Joseph Bajada aggredih waqt li kien qed jirranga hajt fir-raba' proprjeta' taghhom madwar Settembru, 2018.

Jghid li dakinhar il-konvenut beda jghid li hemm kien tieghu u ma' setghax jibni hitan. Jghid li llatigaw sakemm il-konvenut telaq u huwa kompla sabiex bena l-hajt.

Jghid li huwa halla l-gaffa fl-ghalqa tal-attur bil-permess tal-attur. Jghid li l-konvenut Bajada mar sabu bil-pulizija mieghu u qallu jnehhi l-gaffa. Izid li hu spjega lill-pulizija li l-konvenut kellu jsib avukat jew nutar sabiex jispjegalu mnejn hi l-mghodija tieghu.

Jiddikjara li hu jaf li l-mghodija tal-konvenut Bajada hija min imkien iehor.

Jghid li l-gaffa nehhiha f'Novembru 2018. Izid li lejn l-istess zmien il-konvenut Bajada ghamel ghalih u ghal martu b'virga tal-hadid u spiccaw il-Qorti.

Jiddikjara li minn filmati mehuda bis-*CCTV cameras* tieghu jaf ukoll li persuni li skontu huma l-konvenuti Joseph Bajada u

[41] Affidavit a fol 50 – inkluz in verso pagina.
[42] Ritratt mehud mill-ajru a fol 51.

Carmel Attard zgassaw il-bieb tal-kamra tal-attur u hadu l-istess bieb maghhom fl-ghalqa taghhom. Jezebixxi kopja tal-filmat.[43] Izid li d-data hija ndikata fil-filmat stess.

Jghid li wara l-incident tat-trakk il-konvenuti ma' azzardawx jghaddu minn fejn il-grada taghhom u minn fuq ir-raba' tal-attur izda bdew jghaddu mil-mghodija taghhom proprja li tigi aktar 'il fuq.

Izid izda li f'April 2019 il-konvenuti nizlu mill-mghodija proprja taghhom ghal fuq ir-raba' tal-attur bi trakk li hallew fir-raba' tal-attur.

Jghid li l-istess trakk m'ghandux numru pero' jaghrfu bhala dak li l-konvenut Joseph Bajada kien bih meta aggredih. Izid li dan l-incident huwa wkoll rekordjat f'filmat tas-*CCTV cameras* li jezebixxi wkoll.[44]

Jghid li mil-filmat jirrizulta li t-trakk dakinhar kien instaq mill-konvenuta Karen Bajada li kellha maghha lill binha.

**Lianne Vella**, in rapprezentanza ta' *ARMS Limited*, murija kont a fol 63 tal-process xehdet[45] li dan huwa kont attwali ghal-*pump room* fi Triq Ghajn Lukin, ix-Xaghra, Ghawdex, li nhareg lill Victor Attard. Izzid li l-kont huwa saldat.

**Carmel Attard**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[46]

Jiddikjara li huwa sid ta' diversi tomniet raba' fl-inhawi ta' Ghajn Lukin u ilu midhla tal-istess inhawi 'l fuq minn 60 sena. Izid li dan ir-raba' kien wirtu minghand missieru Salvu "Ta' Kanc".

[43] Kopja tal-filmat fuq *CD rom* f'envelop ta' lewn kannella a fol 52.
[44] Kopja tal-filmat fuq *CD rom* f'envelop ta' lewn kannella a fol 52.
[45] Traskrizzjoni a fol 61 u 62.
[46] Affidavit a fol 143 sa 144.

Jghid li wara dan kompla jixtri diversi meddiet raba' ohrajn minghand il-familja "Ta' Kanc" kif anke ghamlu uliedu. Izid li uliedu juzaw passagg li jghaddi mid-Dahla ta' Ghajn Lukin, idur ma' sigra taz-zebbug, u jibqa tiela ghar-raba' tieghu kollu.

Jghid li f'dan ir-raba' huwa spiss mar ma' martu Philippa u uliedu Michelline u Karen u aktar tard bintu Victoria wkoll.

Jiddikjara li l-passagg kien irrangah billi fethu u wessew stante li dejjem kellu l-hsieb jaghmel *borehole*. Izid li l-*borehole* ghamilha 17-il sena ilu bil-makkinarju sabiex saret ghaddha mill-passagg li semma.

Jghid li hu dejjem dan il-passagg utilizza u dejjem minghajr xkiel.

Jiddikjara li ghandu kamra ta' 'l fuq minn 100 sena li tidhol ghalija biss min dan il-passagg. Jghid li kienu n-nies minghand minn xtara l-kamra li qalulu li kien min dan il-passagg li kellu jghaddi.

Jghid li fil-kamra dahhal id-dawl u bena wkoll mahzen b'gebel li kien xtara minghand "Ta' Muha". Izid li "Ta' Muha" dahlu mill-passagg xi 10 darbiet bit-trakkijiet tal-gebel.

Jghid li l-passagg qatt ma' nhadem bhal ma' jghid l-attur. Izid li l-istess dejjem passagg kien. Jghid li l-attur harat il-passagg u xehet xi zerriegha biss sabiex jizvijja.

Jghid li f'Gunju, 2012 inkariga lill-konvenut Joseph Bajada jwitti l-passagg kollu. Izid li t-twettiegh sar minn certu Richard miz-Zebbug.

Jiddikjara li kien biss f'Settembru, 2018 li l-ewwel sab borg gebel jaghlaq l-entratura b'mod li anqas bill-pass ma' seta' jidhol. Jghid li wara tliet ijiem il-gebel tnehha u kien reggha beda jidhol sakemm sab gaffa taghlaq l-entratura. Izid li hawn mar ghand il-pulizija li qalulu li ma' setaw jaghmlu xejn.

Jghid li wara tliet ijiem il-gaffa tnehhiet izda l-attur iddobba b'Louis Attard fejn baqghu jpoggu l-gebel sakemm saret kanna u finalment tpoggiet grada.

Jiddikjara li mindu l-attur ghamel il-grada huwa tilef eluf fi qliegh ghax ma' setax jiehu hsieb ir-raba' kif imiss.

Jghid li l-attur m'ghandu ebda dritt jidhol minn ebda passagg tieghu.

Jiddikjara li huwa jrid li l-grada titnehha ghaliex saret minghajr dritt. Izid li jzomm lill-attur responsabbli f'kaz li jinqala xi haga lilu jew lill-familja tieghu kif ukoll ghad-danni.

Jezebixxi *site-plan* li jghid li turi l-passagg indikat bl-ahmar kif ukoll il-passagg tal-attur indikat bl-ahdar.[47]

**Karen Bajada**, konvenuta u bint il-konvenut Carmel Attard, xehdet permezz ta' affidavit.[48]

Tiddikjara li mindu kienet zghira, flimkien ma' hutha, omma u missiera kienu spiss ikunu fir-raba' ta' missiera f'Ghajn Lukin.

Tghid li sabiex jaslu fir-raba' dejjem ghaddew mid-Dahla ta' Ghajn Lukin. Izzid li kienu jduru mas-sigra taz-zebbug u jibqghu tilghin ghar-raba' taghhom.

Tiddikjara li meta kibret anke hi xtrat xi raba' fl-inhawi, dejjem mis-silet "Ta' Kanc". Izzid li minghand minn xtrat qalula li l-passagg taghha kien dak imsemmi.

Tghid li hi kienet tmur ta' kuljum fir-raba' taghha ma' zewgha u binha Etienne. Tghid li dejjem mill-istess passagg accediet.

[47] *Site plan* a fol 145.
[48] Affidavit a fol 146 u 147.

Tghid li lill-attur ma' tridux jghaddi minn ebda passagg taghha. izzid li huwa ghandu passagg tieghu.

Tghid li kien biss dawn l-ahhar tliet snin li l-attur qabad maghhom u dawwar nies ohra kontrihom. Izzid li l-attur kien pogga borg gebel sabiex ghalqilhom il-passagg b'dan wara tnehha u floku tpoggiet gaffa. Izzid li wara l-gaffa saret kanna bi grada maghha.

Tiddikjara li darba kienet fir-raba' taghha u marret fuqha tfajla li qalitilha li hemm kien taghha u li kien taghhula zijuha. Izzid li hi taf li l-passagg ma' kienx parti mill-proprjeta' ta din it-tfajla ghaliex dak huwa ta' familta. Izzid li lill din it-tfajla talbitha turiha kuntratt b'din irrispondiet sabiex imorru ghand avukat sabiex tara. Izzid li hi kienet lesta tmur ghand avukat.

Tghid li wara dan qatt ma' giet avvicinata sabiex tidher ghand xi avukat. Tghid li hi tista turi l-karti taghha ghax m'ghandix x'tahbi.

Izzid li ghamlet ir-ricerka ghand nutara minn fejn ma' irrizultax li l-attur ghandu dan il-passagg u dan minkejja li jghid li l-istess huwa parti mill-ghalqa tieghu.

Izzid li l-passagg dejjem passagg kien u qatt ma' nhadem.

Tghid li hija trid li l-grada li twahhlet titnehha sabiex huma jkomplu jaccedu kif dejjem ghamlu.

Tezebixxi *site-plan* li tghid li turi l-passagg in mertu immarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[49]

**Joseph Bajada**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[50]

Jiddikjara li huwa kien mizzewweg lill-konvenuta Karen Bajada u flimkien ghandhom tifel jismu Etienne. Izid li l-konvenut l-

[49] *Site plan* a fol 148.
[50] Affidavit a fol 149 sa 153.

iehor Carmel Attard, missier Karen, huwa ghalhekk il-kunjatu tieghu.

Jghid li l-ewwel darba li mar Ghajn Lukin kien fl-1997 meta baghtu l-kunjatu tieghu sabiex jiddepozita xi demel. Izid li min dakinhar beda jmur jiddepozita d-demel tlett darbiet fil-gimgha, nhar ta' Tnejn, Erbgha, u Gimgha.

Jghid li fl-2005 hu u martu xtraw bicca raba' minghand missierha, il-kunjatu tieghu. Izid li llum r-raba' kollu huwa ta' ibnu Etienne.

Jghid li fir-raba' diga kien hemm kamra izda huwa bena ohra li fiha ghamel *toilet* u *shower*.

Jghid li dahlu diversi nies sabiex sar dan ix-xoghol inkluz Lorry Attard "Ta' Muha" li gab gaffa ghat-thammil, Louis Attard ukoll "Ta' Muha" li xtara l-gebel minghandu, wiehed bir-*readymix*, *electrician*, mastrudaxxa li ghamel bank ta' kcina u anke wiehed tal-aluminju li pogga aperturi kif ukoll ix-*shower*. Jghid li acceda wkoll missieru sabiex poggielu l-madum u ghamel xi tikhil.

Jghid li wara li ghamel dan ix-xoghol ghamel kemm il-ikla fil-post fejn marru diversi hbieb tieghu.

Jghid li fir-razzett fejn issa hemm Louis Attard "Ta' Muha" qabel kien hemm zijuh Salvu Attard "Ta' Muha". Izid li ma' dawn dejjem kellu relazzjoni tajba.

Jiddikjara li kien biss fil-bidu tal-2018 li beda jberraq ghax beda jsib hafna vendikazzjonijiet. Jghid li dawn kienu qed isiru minn Louis Attard "Ta' Muha" bil-mandanti kienu l-attur u familjari tieghu.

Izid li anke tas-servizzi veterinarji kemm-il darba accedew sabiex laqmu jew wahlu t-*tags* lill-annimali tieghu u dan dejjem mill-passagg in mertu. Izid li ta' dan ghandu l-provi kollha.

Jghid li l-ewwel wahda kienet meta kien nizel bit-trakk u sab borg gebel jaghlaq il-passagg. Jghid li ma′ setghax johrog u ghalhekk ha ritratt bil-mowbajl u reggha telgha fil-kamra. Izid li l-ghada sema lill xi hadd isejjahlu, ittawwal, u ra lill Louis Attard. Jghid li Attard qallu li l-gebel li xehet il-gurnata ta′ qabel ma′ kienx sabiex jaghlaqlu l-passagg izda ghax kien ser jibni hajt. Jghid li qallu ma′ jergax jaghmillu hekk.

Jghid li huwa ma′ fehemx ghalfejn Attard xehet il-gebel fl-entratura tal-passagg minflok fejn kien ser jibni l-hajt.

Jiddikjara li dakinhar l-attur ma′ marx ghamel rapport li Attard spoljah billi ghalaqlu l-passagg.

Jghid li dan kien ghalhekk sinjal car li l-attur u Attard jafu li huma ghandhom jghaddu minn dak il-passagg ghax dan gie biss imbarrat bhala vendikazzjoni lejhom.

Jghid li aktar tard, nhar il-festa tax-Xaghra, sab gaffa tghalaq il-passagg meta mar sabiex jara n-nar tal-festa mir-raba′ tieghu. Izid li l-attur u Attard jafu li huwa jkun hemm mal-hbieb nhar il-festa sabiex jaraw in-nar. Izid li kellu jikkancella ghax ma′ setghux jidhlu sabiex jaraw in-nar. Jghid li anke hawn ha ritratt.

Jghid li wara jumejn il-gaffa tnehhiet izda nbena cint ta′ zewg filati. Izid li marru ghand avukat u bghatu ittra bic-cint tnehha wara jumejn.

Jiddikjara li darba ohra sab *tractor* fil-passagg u meta saqsa lix-xufier tieghu x′kien qed jaghmel dan qallu li kellu ordni minghand l-attur sabiex jahrat il-passagg. Jghid li hawn qal lix-xufier li passagg ma′ jinharatx u li hemm ma′ kienx tal-attur izda kienu jghaddu minnu hu u l-konvenut Carmel Attard. Izid li dan cempel lill xi hadd u telaq mill-post. Jghid li minkejja dan dak il-lejl stess l-attur qabbad lill haddiehor jahrat u xehet iz-zergha taparsi hemm kien raba′.

Jghid li ftit gimghat wara kien nizel bit-trakk minn fuq u l-attur ghamilu rapport mal-pulizija li ghaffiglu z-zergha.

Jghid li fit-28 ta' Novembru, 2018 kien dahal bhas-soltu u sab lill Louis Attard "Ta' Muha" wara s-sigra taz-zebbug. Jghid li Attard saqsih fejn sejjer u huwa qallu li kien tiela' fir-raba' tieghu bhas-soltu. Izid li hawn Attard qallu li huwa ma' kellux jghaddi aktar minn hemm. Jghid li x'hin beda jiccaqlaq bit-trakk Attard mar b'heffa fil-vettura tieghu mnejn gab fies li bih ta' daqqa' fuq il-*windscreen*.[51]

Jghid li jinsab cert li l-attur, familtu, kif ukoll "Ta' Muha" lilu ma' jriduhx jghaddi minn hemm u qed jikkonfoffaw kontrih. Izid li dawn qed jikkonfoffaw sabiex jikkapparraw aktar mill-wied inkluz raba' ta' hu l-kunjatu tieghu li jinsab l-Awstralja. Izid li din ir-raba' tmiss mal-wied u qieghda faccata tar-raba' tal-kunjatu tieghu li qieghda mat-triq.

Jghid li "Ta' Muha" kienu dahlu bil-gafef u wittew kull m'hemm billi radmu l-wied bil-materjal tal-kostruzzjoni, wittewh sabiex gabuh livell mat-triq u xehtu l-hamrija fuqu sabiex gie jidher raba'. Izid li hawn kien ghamel rapport mal-pulizija izda ma' ittiehdet ebda azzjoni.

Jiddikjara li fl-2012 il-kunjatu tieghu talbu jsib kuntrattur sabiex jirranga l-passagg. Jghid li kien qabbad lill certu Richard miz-Zebbug li kien irranga l-passagg. Izid li ta' dan ghandu ircevuti nformali.

Jghid li dan huwa l-istess passagg li l-attur qed jghid li huwa tieghu. Izid li facli tghid li trid izda provi b'dokumenti ma' gabx.

Jghid li sabiex ikun cert huwa talab lill-martu tinkariga nutar taghmel ir-ricerka. Izid li minn imkien ma' irrizulta li dak il-passagg huwa tal-attur jew ta' familtu.

---

[51] Din il-verzjoni ma' taqbilx ma' dik ripurtata fir-rapport tal-pulizija numru 10/Z/4822/2018 – kopja a fol 422 sa 430 – li gie ezebit minn PC 754 Nicholas Bugeja waqt ix-xhieda tieghu a fol 431 *et seq.*

Jghid li l-kamra tad-dawl li hemm fil-passagg huma m'ghandhom xejn x'jaqsmu maghha izda ghandu provi li d-dawl minnha diehel fir-razzett.

Izid li huwa m'ghandu xejn x'jaqsam mat-tkissir tal-bieb tal-kamra u tal-arlogg tad-dawl allegat mill-atturi. Jghid li dan kien att tal-attur stess jew ta' shabu bi *frameup* sabiex jitfawh il-habs.

Jiddikjara li fit-28 ta' Gunju, 2019, filghaxija, kien bhas-soltu nizel mill-passagg u jara mara tigri lejh. Izid li din il-mara qatt ma' kien rahha qabel. Jghid li din bdiet tghajjat li ghamlitlu rapport li kien ser itajjarha. Jghid li huwa waqaf u ra lill Victor Attard, missierha, u Anthony Attard, huha kif ukoll lill James Borg jigru lejh b'Victor kellu gebla f'idu. Jghid li f'dan il-kaz hareg illiberat.

Jghid li l-ispoll li qed jallega l-attur m'huwiex fuq raba' tal-attur izda huwa fuq passagg privat li jinsab fil-pussess taghhom konvenuti, ibnu Etienne, u l-familjari addizjonali tal-konvenut kunjatu tieghu Carmel Attard ossia Victor Theuma u Michelline Portelli.

Jghid li l-attur anqas ghandu dritt jghaddi min dan il-passagg. Izid li fil-fatt ser titwahhal tabella ma' arblu tad-dawl dwar dan.

Jiddikjara li fil-kamra l-antika li hemm fir-raba' tal-kunjatu tieghu hemm arlogg tad-dawl. Izid li peress li huwa ghamel zmien jghix hemm kemm il-darba fetah lir-responsabbli tal-awtorita' li jmur ghal-qari tal-arlogg b'dan dejjem accedda mill-passagg in mertu.

Jghid li kemm ilhom jigu mtellfa mid-drittijiet taghhom lilu anke mitulu xi annimali. Izid li ta' dan ghandu l-provi fil-forma ta' dokumenti tal-biccerija fejn ikollhom jittiehdu l-istess annimali mejta.

Jinsisti li l-access tieghu dejjem kien mid-Dahla ta' Ghajn Lukin, iddur mis-sigra taz-zebbug, u tibqa' tiela.

Jghid li r-raba' tal-attur huwa qasam differenti u qieghed gholi zewg piedi minn dan il-passagg taghhom.

Jezebixxi pjanta li turi l-passagg li jghid li huwa taghhom mmarkat bl-ahmar u dak li jghid li huwa tal-attur immarkat bl-ahdar.[52]

**Xehed ulterjorment[53]** li l-kunjatu tieghu, il-konvenut Carmel Attard, kien urih ir-raba' f'Ghajn Lukin u l-access ghalih meta semghu jghid li kellu bzonn fejn jitfa d-demel tal-fniek li kien irabbi. Izid li kien urih l-access mid-Dahla ta' Ghajn Lukin, iddur ma' zebbuga, u tibqa tiela.

Jghid li fl-2005 xtara din il-bicca raba' minghand il-kunjatu sabiex juzaghha ghar-rikreazzjoni.

Jghid li mill-passagg in mertu telghu hafna ngenji waqt dan ix-xoghol li ghamel. Izid li "Ta' Muha" stess telghu minn hemm meta ghamluli xi xoghol.

Jghid li fl-2018 bdew imbaghad il-vindikazzjonijiet billi nstehet xi gebel, thalliet gaffa eccetera.

Jghid li din il-kawza ta' spoll hija finzjoni tal-attur. Izid li t-trakk li l-attur jghid li hallew f'tieghu mhux hemm.

Izid li l-attur daqqa jghid li l-passagg kien jinhadem u ohra jghid li ma' kienx.

Jghid li l-kwistjoni hita' pussess ghax "huma" jridu jippussessaw kullimkien u lilu ma' jriduhx hemm.

Jghid li huma qatt ma' sgassaw il-kamra tal-attur u anqas kissrulu l-arlogg tad-dawl.

---

[52] Pjanta a fol 155.
[53] Traskrizzjoni a fol 389a sa 389h.

Jaqbel izda li fit-13 ta' Marzu, 2019 huwa saq vettura gor-raba' tal-attur u ghaffeg il-wicc taz-zergha. Jghid li dan ghamlu wara li l-attur qabbad xi niex jaqilghu l-qsami u jahartu l-passagg li mbaghad zerghuh.

Jghid li l-passagg qabel ma' kienx jinzera imbaghad dahlu huma u ppussessawh billi bdew jizirghuh.

Jaqbel li fid-9 ta' April, 2019 il-konvenuta Karen Bajada halliet trakk minghajr *number plate* izda jghid li dan ghamlitu gol-proprjeta' taghhom mhux f'ta' l-attur. Izid li Karen kienet qed tuza dan it-trakk sabiex wahhlu l-*cameras* tas-*CCTV*.

Jghid li l-bieb tal-kamra tal-attur kisru xi hadd biex iwahhlu fih. Jghid li filmati juru minn kisser il-bieb m'ghandux. Izid li riedu jaghmlulu l-hsara ghax ma' jriduhx hemm.

**In kontro-ezami**, xehed[54] li ma' jaqbilx li f'Marzu z-zergha kienet waslet ghal-hsad. Jghid li fejn huwa jaf bhala passagg haxix hazin kien hemm. Jinsisti li l-passagg qatt ma' kien jinhadem izda pruvaw jahdmuh.

Jghid li l-attur beda jahdem il-passagg ghax rid iwaqqfu milli jghaddi minn go fih.

Mistoqsi ghal darb'ohra, jghid li meta ghaddha bit-trakk f'dak li jaf bhala passagg kien hemm haxix hazin u ftit zergha li tefghu.

Jghid li dak li l-attur bghat jahrat, certu Tony, hu kellmu, qallu li kien hemm kwistjoni fuq il-passagg, u dan irringrazjah u qallu li ma' tergax tkun.

**Xehed ulterjorment[55]** b'referenza ghall-ittra gudizzjarja tat-3 ta' Jannar, 2019, a fol 33 tal-process, liema ittra kienet intbghatet minnu lill certi Louis Attard u Mario Attard, xehed li f'dak l-istadju, ghalkemm huwa kien allega spoll da parti ta' dawn Louis u Mario Attard a pregudizzju tieghu, meta l-istess persuni

[54] Traskrizzjoni a fol 389h sa 389l.
[55] Traskrizzjoni a fol 399a sa 399f.

għalqu l-passaġġ b'ġebel u materjal ieħor, huwa ma' pproċediex b'kawża ta' spoll għax ibgħati minn kundizzjonijiet ta' saħħa u dakinhar kien jinsab ħażin ħafna.

Jgħid li hu l-passaġġ ilu jutilizzah mill-1997.

Iżid li l-istess passaġġ qatt ma' kien la jinħarat u anqas jinżera.

Jgħid li sabiex jaċċessa r-raba' tiegħu bħalissa l-attur jutilizza tlett passaġġi: dak in mertu li għalaq bi grada, dak proprja tiegħu, u ieħor tagħhom minn San Marzjan. Iżid li minkejja dan huma mhux imħollija jgħaddu mnejn għandhom jgħaddu.

Jgħid li l-għalqa tagħhom u dik tal-attur huma distinti. Iżid li fl-għoli tal-art hemm diskrepanza ta' xi żewġ filati bill-passaġġ li ingħalaq u għandhom jutilizzaw huma huwa baxx aktar mir-raba' tal-attur.

Jgħid li l-kamra tad-dawl l-attur għandu aċċess għalija iżda meta l-attur għalaq, qabad u għalaq kollox inkluż l-aċċess tagħhom.

Jgħid li hu qatt m'għamel ħsara fil-kamra tal-attur għax anqas biss jersaq l'hemm. Jgħid li ma' kellux għalfejn jersaq l'hemm għax il-passaġġ wiesgħa biżżejjed jew hekk kien qabel ingħalaq.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[56] li l-grada li hemm fl-entrata tal-passaġġ mhux huwa għamilha. Iżid li din tissakkar b'katnazz.

Jgħid li hu m'għandux ċavetta għal-katnazz. Iżid li l-grada saret bejn l-2018 u l-2019, wara li kien inxteħet borġ ġebel, li ġie rimpjazzat b'għaffa li mbagħad ġiet rimpjazzata b'ċint, imbagħad b'kanna u finalment bil-grada.

Jgħid li dawn l-oġġetti kollha kienu jagħlqu l-passaġġ.

[56] Traskrizzjoni a fol 459 sa 468.

Jaqbel allura li sa mill-2018 huwa ma' setax jidhol fil-passagg.

Jaqbel li l-kamra li hemm fl-entrata ghal-passagg mhux hu bnija. Izid li hu m'ghandu xejn x'jaqsam mal-istess kamra.

Jichad li huwa dahal fl-istess kamra jew li sgassa l-bieb taghha.

Jaqbel li t-trakk tieghu thalla f'din l-entrata tal-passagg izda jghid li mhux huwa saqu. Jghid li t-trakk kien hemm ghax kien qed jintuza sabiex telghu fuqu biex jitwahhlu l-*cameras*. Jghid li din kien lejn il-bidu tal-2019, Jannar jew Marzu.

Jghid li t-trakk sabiex wasal hemm instaq. Izid li l-grada kienet diga' hemm imma t-trakk kien gewwa. Izid li t-trakk kien iddahhal gewwa qabel saret il-grada. Jghid li mbaghad l-istess trakk baqa' garaxxjat hemm gew.

Jghid li t-trakk kien mitluq gor-raba' taghhom, mhux gol-passagg. Izid li kien fil-passagg biss meta gew bzonnu sabiex iwahhla l-*cameras*. Izid li l-*cameras* gew installati mal-arbli tad-dawl li kienu diga' hemm.

Jghid li hu ma kienx hemm meta saru l-*cameras*. Izid li kienu ibnu Etienne, martu Karen, u elettricista maghhom li marru fl-entrata ghal dan ix-xoghol.

**In re-ezami**,[57] xehed li t-trakk kien fir-raba' taghhom qabel Novembru, 2018 u ghadu hemm sa llum.

**Etienne Bajada**, iben il-konvenuti Joseph Bajada u Karen Bajada, xehed permezz ta' affidavit.[58]

Jiddikjara li nannuh il-konvenut Carmel Attard, maghruf bhala "Ta' Kanc" kien jiehdu fir-raba' mieghu minn meta beda jimxi. Jghid li ta' 4 jew 5 snin jiftakar li kien ikun jigri fir-raba'. Izid li

[57] Traskrizzjoni a fol 468 u 469.
[58] Affidavit a fol 156 u 157.

meta kiber kien imur jghin lill-missieru f'porzjon raba' li dan kien xtara minghand nannuh.

Jghid li missieru ghamel zmien twil joqghod fir-raba'.

Izid li llum ghandu 'il fuq minn 18-il sena u huwa dejjem acceda ghar-raba' taghhom minn passagg li tidhol ghalih mid-Dahla ta' Ghajn Lukin, iddur ma' sigra taz-zebbug, u tibqa' tiela.

Jghid li llum ir-raba' li kien tal-genituri tieghu xtrah hu.

Jiddikjara li l-attur jallega li dan il-passagg huwa raba' tieghu. Jghid li dan mhux minnu ghax huwa ilu jghaddi minn hemm ma' missieru b'*pickup*.

Jghid li huwa kellu jnehhi xi sriedak li kellu f'dan ir-raba ghaliex ma' setghax jitla jitmaghhom wara li l-attur ghamel grada.

Jghid li l-passagg l-ewwel kien sabu mblokkat b'borg gebel b'dan tnehha u floku tpoggiet gaffa taghlaq l-entratura. Jghid li l-gaffa tnehhiet ftit jiem wara u fit-2 ta' Frar, 2019 mar sabiex jitla jaghlef il-klieb u sab kanna orizzontali marbuta ma' ohra vertikali. Izid li dwar dawn il-kanen kien ghamel rapport l-ghassa.

Jghid li wara tnehhew il-kanen u tpoggiet grada.

Izid li dawn l-oggetti kollha tqeghdu mill-attur u huh Victor Attard jew terzi nkarigati minnhom inkluz "Ta' Muha".

Jghid li huwa ma' jridtx li l-attur jew familtu jirfsu aktar u jidhlu gol-passagg ghax dak huwa privat taghhom u jghaddu minnu huwa, il-konvenuti, kif ukoll Victoria u Michelline, zijiet tieghu.

Zid li jrid li l-grada titnehha ghaliex qed tghalaqlu l-passagg tieghu b'dan li ma' jistax ikompli jrabbi l-annimali kif kien jaghmel qabel.

Jezebixxi *site plan* li jghid li turi l-passagg taghhom immarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[59]

**Anthony Bajada**, missier il-konvenut Joseph Bajada, xehed permezz ta' affidavit.[60]

Jiddikjara li fl-2005 ibnu akkwista bicca raba'minghand missier martu, Carmel Attard.

Jghid li huwa kien mar poggielu l-madum tal-art u ghinu jkahhal. Izid li sabiex imur jghinu kien jghaddi mid-Dahla ta' Ghajn Lukin, idur ma' sigra taz-zebbug, u jibqa tiela' 'il fuq.

Jghid li hekk dejjem telghu u accede ghar-raba' ta' ibnu minghajr ebda xkiel.

Jezebixxi *site plan* li jghid li turi l-passagg mnejn gieli ghadda hu mmarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[61]

**Philippa Attard**, mart il-konvenut Carmel Attard, xehdet permezz ta' affidavit.[62]

Tiddikjara li hi u l-konvenut Carmel ilhom mizzewgin 'il fuq minn 50 sena u ghandhom tlett'itfal; Karen, Michelline u Victoria.

Tghid li zewgha l-konvenut ghandu raba' fl-inhawi ta' Ghajn Lukin. Izzid li l-ewwel porzjon kienu akkwistawh b'wirt ta' Salvu Attard "Ta' Kanc", missier zewgha, imbaghad akkwistaw porzjonijiet ulterjuri b'xiri. Tghid li zewgha kien xtara wkoll id-dritt ta' passagg.

---

[59] *Site plan* a fol 158.
[60] Affidavit a fol 159.
[61] *Site plan* a fol 160.
[62] Affidavit a fol 161 u 162.

Tghid li hi kienet regolarment tkun fir-raba′ ma′ zewgha u bit-tfal maghha. Izzid li dejjem dahlu mid-Dahla ta′ Ghajn Lukin fejn imbaghad iduru ma′ sigra taz-zebbug u jibqghu tilghin.

Tiddikjara li l-attur ivvinta hafna problemi u kkawzalhom hafna telf ta′ prodott u hsara peress li ma′ setghux jinduklraw ir-raba′ kif imiss. Tghid li bghatew xi €10,000 danni.

Tghid li hi ma′ tridtx li l-attur jidhol gol-passagg taghhom, la ta Ghajn Lukin u anqas ta′ San Marzjan, ghax huwa m′ghandu ebda dritt jaghmel dan.

Tghid li huma dejjem ghaddew mill-imsemmi passagg minghajr problemi sakemm qabad maghhom l-attur u ghamlilhom hafna vendikazzjonijiet inkluz billi nstalla l-grada.

Tezzebixxi *site plan* li tghid li turi l-passagg mnejn jghaddu huma mmarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[63]

**Victoria Thewma**, bint il-konveut Carmel Attard, xehdet permezz ta′ affidavit.[64]

Tiddikjara li mindu kienet zghira kienet tkun ir-raba′ ta′ missiera f′Ghajn Lukin flimkien ma′ hutha u l-genituri taghha.

Tghid li meta ltaqghet ma′ Josef Thewma, li issa huwa zewgha, kienu ta′ spiss imorru f′dan ir-raba′ ma′ shabhom fejn kienu jaghmlu xi ikla.

Tghid li hi u zewgha xtraw ukoll xi raba′ fl-inhawi bil-passagg taghhom ghall-istess raba′ huwa l-istess.

Izzid li hija ma′ tridtx lill-attur jirfes fuq il-passagg taghhom. Tghid li l-attur m′ghandu ebda dritt fuq l-istess passagg.

[63] *Site plan* a fol 163.
[64] Affidavit a fol 164 u 165.

Tghid li b'konsegwenza tal-azzjonijiet tal-attur li ghalaq il-passagg hija qass tista tiehu lill binha fejn nannuh fir-raba'.

Izzid li hija dejjem accediet ghar-raba' mill-istess passagg u minghajr ebda xkiel ghajr meta beda jippretendi xi drittijiet l-attur. Tispjega li l-passagg taghhom huwa minn Dahlet Ghajn Lukin, iddur mas-sigra taz-zebbug, u tibqa' tiela 'il fuq.

Tezebixxi *site plan* li tghid li turi l-passagg mnejn jghaddu huma mmarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[65]

**Michael Hili**, xehed permezz ta' affidavit.[66]

Jiddikjara li huwa ilu jaf lill-konvenut Joseph Bajada mill-1998 jew l-2000.

Jghid li f'Awwissu, 2005 Joseph kien mar fil-mahzen tieghu u talbu jaghmillu grada ghar-raba' li ghandu faccata tal-istess mahzen. Jghid li ghal kejl marru dak il-hin stess.

Jiddikjara li huwa midhla tajjeb tal-inhawi ta' Ghajn Lukin ghax trabba hemm stante li kemm id-dar ta' ommu kif ukoll il-mahzen tieghu jinsabu faccata tad-Dahla ta' Ghajn Lukin.

Jghid li ghal-kejl tal-grada li rid il-konvenut Joseph marru bit-trakk tieghu u telghu mid-Dahla ta' Ghajn Lukin fejn imbaghad daru ma' sigra taz-zebbug u baqghu tilghin 'il fuq.

Jghid li huwa kemm 'il darba telgha u nizel fir-raba' ta' Joseph b'dan il-mod u minghajr xkiel u dan kemm bil-mutur kif ukoll b'vettura 4x4. Izid li dan kemm ghax hu u Joseph huma hbieb u kemm 'il darba jieklu fir-raba' flimkien kif ukoll meta ghamillu l-grada u anke meta ghal habta ta' Mejju ta' kull sena jgizzlu n-naghag.

[65] *Site plan* a fol 166.
[66] Affidavit a fol 168 u 169.

Jezebixxi pjanta li jghid li turi l-passagg mnejn kemm il-darba ghaddha hu sabiex acceda ghar-raba' tal-konvenut Joseph immarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[67]

**In kontro-ezami**, xehed[68] li dakinhar li ghamel l-affidavit tieghu kien mar ghand in-Nutar Anthony Hili u mieghu kien hemm Karen Bajada, il-konvenuta.

Jghid li hu haddied u lilu talbuh jirrakkonta l-istorja ta' meta ghamel il-grada ghal Joseph Bajada.

Jghid li x-xoghal li ghamel hu kien ta' grada n-naha ta' fuq, li taghti ghar-raba' ta' Joseph. Izid li dan ix-xoghol ghamlu fl-2005. Jghid li wara dakinhar huwa mar kemm il-darba r-raba' ta' Joseph ghax huma hbieb.

Jghid li sabiex acceda ghar-raba' ta' Joseph huwa dejjem ghadda mil-passagg li ddeskriva fl-affidavit u li issa huwa maghluq bi grada li tissakkar b'katnazz.

Jghid li huwa kien jghaddi minn dak il-passagg qabel saret il-grada tal-entrata, fl-2018.

**In re-ezami**, xehed[69] li qabel ma' saret il-grada fl-entrata, fl-2018, ma' kien hemm xejn jimblokka il-passagg.

**Matthew Vella**, xehed permezz ta' affidavit.[70]

Jiddikjara li huwa sar jaf lill-konvenut Jospeh Bajada fl-2008. Izid li Joseph kemm il-darba stiednu ghall-ikel fir-raba' tieghu f'Ghajn Lukin.

---

[67] *Site plan* a fol 169.
[68] Traskrizzjoni a fol 470 sa 473.
[69] Traskrizzjoni a fol 473 u 474.
[70] Affidavit a fol 170.

Jghid li sabiex jasal f'tali raba' huwa jghaddi mid-Dahla ta' Ghajn Lukin, idur ma' sigra taz-zebbug u jibqa tiela. Izid li dan dejjem ghamlu minghajr ebda xkiel.

Jezebixxi pjanta li jghid li turi l-passagg mnejn kemm il-darba ghaddha hu sabiex acceda ghar-raba' tal-konvenut Joseph immarkat bl-ahmar u dak tal-attur immarkat bl-ahdar.[71]

**Manuel Rotin** xehed[72] li fl-2012 huwa ghamel xi xoghol f'passagg li taccedi ghalih billi tidhol minn Ghajn Lukin, tikser fuq il-lemin ma' sigra, u titla' maghha ghad-dritt.

Jezebixxi ircevuta tax-xoghol maghmul minnu u ritratt mehud minn Joseph li juri kif kien il-passagg qabel x-xoghol li ghamel hu.[73]

Jghid li fil-passagg kien hemm kanali li kienu anke jzommu l-ilma b'dan li wiehed ma' setghax jghaddi sew b'vettura jekk mhux bi trakk jew 4x4.

Jghid li lilu qabbdu jaghmel ix-xoghol Joseph Bajada.

Fuq il-pjanta a fol 6 tal-process jimmarka bl-ittri "A" u "B" fejn ghamel ix-xoghol hu – tul il-passagg kollu.

Jghid li mieghu jaghmel ix-xoghol kien hemm Carmel Attard, il-kunjatu ta' Joseph kif ukoll certu Richard bil-gaffa u Joseph stess.

Jghid li l-passagg jghaddi ghar-raba' u r-razzett ta' Carmel Attard u jibqa' tiela ghar-raba' ta' Joseph Bajada.

Jghid li huwa l-entratura u l-passagg dejjem hemm jafhom bl-access bil-pass kien dejjem miftuh u b'vettura tghaddi imma mhux facilment.

---

[71] *Site plan* a fol 171.
[72] Traskrizzjoni a fol 409 sa 412.
[73] Ircevuta u ritratt it-tnejn a fol 418.

**In kontro-ezami**, xehed[74] li qabel mar jirranga l-passagg huwa gieli kien mar fuq il-post ghax hbieb ma' Joseph u anke ma' Carmel. Izid li gieli mar ghin lill Joseph fir-raba' u dan mhux darba, darbtjen imma pjutost ta' sikwiet.

Jghid li fil-passagg dik id-darba biss hadem.

Jghid li lill-attur Michelangelo Attard huwa jafu. Izid li ma' jafx li hu tqabbad jaghmel ix-xoghol ta' tiswija ghaliex Attard halla lill Joseph jghaddi u Joseph halla herba.

Jghid li lill-attur ma' jafux gor-raba' ghax meta hu jmur hemm jibqa' tiela ghand Joseph.

Mistoqsi jekk dan li jsejjah passagg huwiex fil-fatt parti mill-ghalqa ta' l-attur Attard jghid li hu dejjem passagg jafu. Jghid li l-passagg kien jasal fir-raba' tal-attur izda huma kienu mbaghad jibqghu telghin f'ta' Joseph.

Jghid li huwa ma' jafx li l-passagg proprja ta' Bajada huwa minn fuq, min fejn ic-cimiterju tax-Xaghra. Jinsisti li huwa dejjem mill-passagg in mertu ghaddha.

Jghid li hu ilu xi seba' snin li qata' milli jmur fl-inhawi in mertu. Izid li x'gara fl-2018, 2019, u 2020 u f'idejn minn kien il-passagg ma' jafx.

**Josef Thewma**, xehed[75] li huwa mar l-ewwel darba fir-raba' ta' Ghajn Lukin fl-2008. Izid li dan kien fuq stedina ta' Carmel Attard, konvenut.

Jghid li mill-2008 'il quddiem huwa mar f'dan ir-raba' darba fil-gimgha jew fil-hmistax.

[74] Traskrizzjoni a fol 412 sa 417.
[75] Traskrizzjoni a fol 419 sa 421.

Jghid li sabiex tidhol f'dan ir-raba' tghaddi minn Ghajn Lukin, titla' rampa, iddur ma' zebbuga, u tibqa' tiela'.

Jghid li r-raba' jibda minn mar-rampa.

Jghid li huwa dejjem ghadda hekk bil-karozza tieghu. Jghid li l-passagg qatt ma' kien imbarrat qabel saret il-grada. Izid li anqas kien mahrut jew mizrugh. Izid li kien passagg normali, ghal mghodija.

Jghid li huwa ilu ma' jmur l'hemm mindu saret il-grada, xi tlett snin jew erbgha qabel.

**PC 754, Nichoals Bugeja**, xehed[76] li wara rapport dwar glieda f'residenza, fis-27 ta' Novembru, 2018 huwa mar ma' Joseph Bajada – konvenut – lejn razzett li ghandu taht ix-Xaghra, fil-limiti ta' Wied Zejta, ghaliex Bajada rid jghalef xi annimali.

Jghid li malli waslu sabu l-access ghar-razzett ta' Bajada mbarrat b'hajt ta' zewg filati. Izid li ghalhekk ma' setghux jitilghu bil-vettura taghhom.

Jghid li wara l-hajt setgha jara trakk iehor b'kabina safra u bi *trailer* ahdar.[77]

**Frank Refalo**, xehed[78] li l-ewwel darba li huwa mar fir-raba' ta' Ghajn Lukin iben il-konvenut Joseph kien ghadu anqas twieled.[79] Izid li hemm kien imur fuq stedina ta' Joseph Bajada.

Jghid li fl-istess raba' huwa gieli mar tlett darbiet f'gimgha. Izid li l-access ghalija huwa mill-wied, hemm sigra taz-zebbug, tibqa' tiela 'l fuq.

[76] Traskrizzjoni a fol 431 sa 434.
[77] Ref. kopja tar-rapport numru 10/Z/4822/2018 partikolarment il-pagna tal-istess li tinsab a fol 430 – paragrafu ta' fuq nett.
[78] Traskrizzjoni a fol 435 sa 437
[79] L-eta' ta' iben il-konvenut giet ikkonfermata mill-konvenut stess bhala ta' 18-il sena fi Frar, 2023 – ref traskrizzjoni ta' xhieda limitata ghal dan il-punt a fol 443.

Jghid li l-passagg kien generalment kollu caflis imma hu kellu 4x4. Izid li hu dejjem min dan il-passagg ghaddha.

**In kontro-ezami**, xehed[80] li fir-raba' ta' Bajada kienu jiltaqghu sabiex isajjru jew jaghmlu xi bicca xoghol.

Jghid li mnejn kellu jghaddi sabiex jasal fir-raba' ta' Joseph kien spjegalu Joseph stess. Jghid li hu qatt ma' sab xkiel u kien jibqa tiela.

Jghid li mindu beda l-inkwiet huwa ma' marx aktar l'hemm. Izid li ma' jiftakarx meta l-ahhar li kien hemm. Jghid li ghalhekk ma' jafx jghid jekk xi hadd zammx lill Joseph milli jghaddi.

Jghid li hu ma jafx jekk billi ghadda min hemm ghaddix minn fuq ta' haddiehor. Izid li hu kien biss jghaddi u daqshekk.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawza, l-attur wara li ppremetta li huwa jinsab fil-pussess ta' porzjon art parti minn medda art akbar fil-kontrada maghrufa bhala "Ta' Ghajn Lukin" fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex kif delinjata fuq pjanta a fol 6 tal-process, kompla sabiex sostna li l-konvenuti jew uhud minnhom zgassaw bieb ta' kamra agrikola tieghu, kissru arlogg tad-dawl li kien jinsab fl-istess kamra, saqu vettura fuq il-wicc tar-raba' tieghu b'dan li ghaffgulu z-zergha u rrekawlu hsara, installaw *CCTV cameras* fil-proprjeta' tieghu jew b'mod li jaghtu ghal gol-proprjeta' tieghu, kif ukoll hallew vettura minghajr licenzja u numru ta' registrazzjoni parkeggjata fil-proprjeta' tieghu b'mod li privawh milli jaccedi ghar-raba' tieghu.

[80] Traskrizzjoni a fol 437 sa 442.

Talab ghalhekk dikjarazzjoni li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin billi dahlu fil-proprjeta' tieghu, kisru l-bieb tal-kamra agrikola tieghu kif ukoll arlogg tad-dawl li kien jinsab fl-istess kamra, u hallew vettura parkeggjata b'mod li tostakola l-access liberu tieghu ghar-raba' tieghu.

Talab ukoll kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-art fil-pussess tieghu u jreggghu kollox lura ghall-istat pristinu kif kien qabel il-kummissjoni tal-atti spoljattivi. B'dan li fin-nuqqas taghhom f'li jaderixxu ma' tali ordni jigi hu awtorizzat jaghmel l-istess xoghol rimedjali necessarju a spejjez taghhom.

Il-konvenuti lkoll konguntivament intavolaw risposta taghhom ghat-talbiet atturi fl-14 ta' Gunju, 2019.[81] B'dan illi b'decizjoni preliminari moghtija nhar it-3 ta' Lulju, 2020 l-istess konvenuti gew ilkoll dikjarati kontumacji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi[82] mentri b'decizjoni finali moghtija nhar il-15 ta' Jannar, 2021, u fil-kontumacja tal-konvenuti, gew milqugha t-talbiet atturi.[83]

Dan wassal ghall-appell intavolat mill-konvenuti kemm kontra d-decizjoni preliminari tat-3 ta' Lulju, 2020 li ddikjarat il-kontumacja taghhom kif ukoll kontra dik finali tal-15 ta' Jannar, 2021, li laqghat it-talbiet atturi.[84]

Id-decizjoni tal-appell li segwiet inghatat fis-27 ta' Ottubru, 2021 u biha:

i. giet imhassar d-decizjoni preliminari dwar il-kontumacja moghtija nhar it-3 ta' Lulju, 2020 biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada bl-istess giet ikkonfermata fil-konfront tal-konvenuti l-ohra Karen Bajada u Carmel Attard;

---

[81] Ref. risposta a fol 26 sa 28.
[82] Kopja tas-sentenza preliminari a fol 84 sa 92.
[83] Kopja tas-sentenza afol 117 sa 125.
[84] Process tal-appell maghmul parti ntegrali mill-atti ta' din l-istanza bil-*folder* roza tal-Qorti tal-Appell impaginat fl-intier tieghu bhala fol 128.

ii. giet ikkonfermata s-sentenza finali tal-15 ta' Jannar, 2021 dwar il-mertu tal-*actio spolii* fil-konfront tal-konvenuti Karen Bajada u Carmel Attard b'dan izda li l-istess giet dikjarata mhux applikabbli fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada, u;

iii. sussegwentement l-atti gew rinvijati lura lill din il-Qorti sabiex jigu decizi t-talbiet tal-*actio spolii* fil-konfront ta' Joseph Bajada abbazi tal-eccezzjonijiet tieghu u l-provi li jressaq, bir-risposta talvolta diga' intavolata minnu flimkien mal-konvenuti l-ohra baqghet applikabbli ghalih biss.[85]

Din il-Qorti hija ghalhekk issa mitluba tiddeciedi t-talbiet atturi fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bajada wara li permezz tal-proceduri tal-appell giet mhassra d-dikjarazzjoni tal-kontumacja tieghu u huwa ressaq il-provi tieghu in mertu ta' din l-azzjoni ta' spoll.

Din id-decizjoni sejra ghalhekk tkun tapplika biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Bajada – ghajr ghal-kwistjoni tal-ispejjez li l-Qorti tal-Appell halliet pendenti anke fir-rigward taz-zewg decizjonijiet diga' moghtija minn din il-Qorti bejn il-partijiet odjerni – li skont ir-risposta guramentata talvolta gja maghmulha minnu flimkien mal-konvenuti l-ohrajn eccepixxa s-segwenti: li ma' jezistux l-elementi kostitutivi sabiex tirnexxi kawza ta' spoll; li t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li huwa kkommetta spoll billi dahal f'entrata allegatament posseduta mill-attur b'dan li jzid li l-istess entrata dejjem kienet fil-pussess tieghu u baqghet miftuha sa Ottubru, 2018 meta l-attur beda jaghmel pretensjonijiet dwarha; li m'huweix minnu li huwa kisser xi bieb jew arlogg tad-dawl appartenenti lill-attur; li kwalunkwe' vettura mhollija fil-lok in mertu thalliet fuq art proprjeta' tieghu; li mhux minnu li ghamel xi hsara fil-wicc tal-art tal-attur, u, finalment; li l-attur ghandu access ghar-raba' tieghu min banda ohra u jekk xi darba

[85] Kopja tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell in atti – mhux paginata.

dahal mill-entrata in mertu dan kien biss bil-buonagrazzja tieghu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-*actio spolii,* bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirrizultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse*;
ii. li huwa gie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawza ta' spoll fi zmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.[86]

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa pacifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi

[86] Ref. ukoll id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe***.

kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluz dak civili *kemm dak semplicement naturali u anke dak vizzjuz.*[87]

Inghad infatti:

> *"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[88]

Dan il-hsieb huwa konsistentement rifless fid-decizjonijiet tal-Qrati nostrani inkluz dik moghtija mill-Qorti tal-Appell nostrana nhar it-2 ta' Dicembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra va Aurelio Carabott*** fejn gie ritenut:

> *Biex tirnexxi l-azzjoni ta` spoll privileggjat, l-attur ghandu jipprova li hu kellu l-pussess, li gie spoljat minn dak il-pussess, u li ddeduca l-azzjoni fi zmien xahrejn mill-pretiz spoll.*
>
> *Fil-kawzi ta` spoll il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, bla ma tidhol fil-petitorju; b'mod li ma jistghux jigu kumulati l-possessorju u l-petitorju. Ghax fil-gudizzju possessorju jigi gudikat il-"jus posssessionis", u mhux il-"jus possidenti", bla hsara tad-drittijiet petitorji.*
>
> *Il-pussess tutelat b'din l-azzjoni hu, b'ligi, il-pussess "ta` liema xorta jkun"; b'mod li fl-azzjoni ta` reintegra mhux lecitu li jigi nvestigat ix-xorta ta` pussess ta` l-ispoljat, basta dan ikollu s-semplici pussess "di fatto", ma hemmx bzonn li jigu ezaminati fatturi ohra "ad colorandum possessionem"; u mhumiex rilevanti provi ohra li ma jaslux biex jinnewtralizzaw dak il-pussess.*
>
> *L-att ta` tolleranza li jiswa biex jeskludi dak il-pussess hu dak li jsir b'semplici kortesija jew permess ta` haddiehor, revokabili "ad*

---

[87] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut,*** Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

[88] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut,*** Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

*nutum", u mhux att li jkun ezercitat minghajr ebda koncessjoni prekarja ta` hadd, imma bl-animu ta` ezercizzju ta` pretensjoni ta` drittijiet.*

*Sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit tal-vjolenza ma hemmx bzonn il-"vis atrox", cjoe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid.*

*Biex din l-azzjoni tkun esperita b'success l-attur irid jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Mhux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu.*

Li huwa mehtieg, allura, huwa li attur f'kawza ta' spoll jipprova li fil-mument li sehh l-att spoljattiv, hu kien fil-pussess jew detenzjoni tal-oggett, bi kwalsiasi mod dawn gew f'idejh, basta li l-istess ikunu 'di fatto'.

Jinghad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wiehed qasir hafna u sahansitra momentarju, dan xorta wahda huwa sufficjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbazat fuq mera tolleranza.[89]

Fid-decizjoni moghtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et***,[90] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rritenit li pussess kwalunkwe', anke purament materjali izda di fatto, anke qasir hafna u sahansitra momentarju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbazat fuq mera tolleranza. Dan ghaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni haga b'semplici tolleranza ma' jistax jezercita l-*actio spolii*.

Dwar is-semplici tolleranza, oltre dak diga' iccitata *supra* mid-decizjoni moghtija fl-ismijiet ***Ersilia Zahra va Aurelio Carabott***, fid-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Gunju,

[89] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[90] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.

2004 fl-ismijiet ***Marianna Dean vs Joseph Abela***,[91] gie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm semplici tolleranza.

B'dan li, fid-decizjoni moghtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et***,[92] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bhala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem iehor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun mizmuma b'semplici kortezija jew fejn haddiehor ikun jista' jirtiraha x'hin irid. B'zieda ma' dan kollu, jinghad ukoll li l-ghemejjel ta' semplici tolleranza ghandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[93]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza sabiex taghti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt, jew turbat.[94] Huwa proprju ghalhekk li l-istess disposizzjoni tal-ligi taghmel referenza espressa ghall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawza ta' spoll ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-gurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll minghajr ma' tidhol fil-petitorju.

---

[91] Appell Civili Numru. 930/2003/1.
[92] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.
[93] Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.
[94] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

Fil-kawza *de quo,* l-attur jikkontendi li huwa dejjem kellu l-pussess tal-medda art li jindika fil-pjanta annessa mar-rikors promotur tieghu u li tinsab a fol 6 tal-process. B'dan li jzid li minkejja li din il-medda art setghet f'xi stadju kienet utilizzata minn terzi ghall-passagg taghhom, dan kien biss u unikament fuq mera tolleranza.

L-attur, fil-fatt, jinsisti li din il-medda art dejjem iffurmat parti mir-raba' tieghu u jaghti spjegazzjoni ta' kif ir-raba' tnisslet ghandu u kif din hija distinta mir-raba' tal-konvenuti jew l-aventi kawza taghhom li tinsab fil-vicinanzi u tnisslet minn linja diversa.

Ix-xhieda mressqa mill-attur ilkoll jikkorraboraw din it-tezi attrici billi anke dawk minnhom li jghidu li huma gieli ghaddew minn fuq il-medda art in mertu, jinsistu li tali mghodija kienet biss koncessa lilhom bil-buonagrazzja tal-attur jew l-awturi tieghu fit-titolu.

Il-konvenut Joseph Bajada, minn naha l-ohra, jibda sabiex jghid li din il-medda art dejjem kienet passagg jew entrata u dejjem kienet fil-pussess tieghu, tal-konvenuti l-ohrajn, u ta' familjari ohra taghhom, u dan sa mill-istadju bikri tar-risposta guramentata tieghu, izda, aktar tard tul il-gbir tal-provi tieghu, jkompli sabiex jghid li l-istess medda art detta passagg ilha li nghalqet mill-2018.

Diversi xhieda mressqa mill-konvenut Joseph Bajada, u li huma wkoll familjari tieghu, imorru oltre billi jghidu li huma jippretendu li l-attur ma' jirfisx fuq din il-medda art li jqiesu bhala taghhom.

Bi prova tat-tezi tieghu li l-medda art in kwistjoni hija parti mir-raba' tieghu, l-attur iressaq ix-xhieda tieghu u dik ta' terzi kif ukoll xhud mill-awtorita' responsabbli ghal hrug tal-kontijiet tal-utilitajiet, l-*ARMS Limited*, li murija kont tal-utilitajiet ezebit a fol 63 tal-process, ikkonfermat li l-kamra tad-dawl li hemm fil-

qrib hija f'isem Victor Attard li huwa hu l-attur Michelangelo Attard.

Da parti tieghu, il-konvenut iressaq diversi provi li jistghu potenzjalment juru li tali medda art m'hijiex proprjeta' tal-attur, u dan fil-forma ta' varji kuntratti li bihom akkwista diversi porzjonijiet ta' art fl-inhawi l-attur stess.[95] Iressaq ukoll diversi xhieda li jghidu li kull meta marru fir-raba' tieghu – tal-konvenut Bajada – kemm ghar-rikreazzjoni bhala hbieb tieghu kif ukoll sabiex ghamlulu xi xoghol huma dejjem u unikament ghaddew mill-medda art detta passagg jew entrata in mertu u din dejjem kienet miftuha ghalihom minghajr xkiel.

Din il-Qorti tqies izda li fid-dawl tal-gurisprudenza estensiva *ivi* ccitata, hija la ghandha u anqas sejra tinvestiga l-petitorju.

In-nuqqas ta' titolu ta' proprjetarju fl-attur fuq il-medda art in mertu ma' tinnegax il-potenzjal tal-pussess kif rikjest mill-ligi u l-gurisprudenza nostrana fl-attur li jintitolah jipprosegwi b'azzjoni bhal din.

Bl-istess mod, anqas il-fatt li l-konvenut Joseph Bajada seta' f'xi stadju wkoll kellu l-pussess fuq il-medda art in mertu ma' jinnega tali dritt tal-attur.

Dan partikolarment meta fuq ammissjoni tal-konvenut Joseph Bajada stess, kif korraborata minn diversi xhieda mressqa minnu, certament li l-attur ha – jekk mhux diga' kellu – il-pussess fuq il-medda art in mertu lura fl-2018 meta beda sabiex, hu jew terzi, rbolaw borg gebel fl-entrata liema borg gebel gie eventwalment rimpjazzat b'gaffa, imbaghad cint, imbaghad kanna orizzontali mizmuma ma' ohra wieqfa, sakemm fl-ahhar saret grada li ghalqet l-istess medda art detta passagg jew entrata.

Huwa ghalhekk car u nkonfutabbli ghal din il-Qorti li fil-mument necessarju skont il-ligi, ossia fil-mument li avvera ruhu

[95] Ref. kuntratti a fol 175 sa 226.

l-allegat att spoljattiv, l-attur kellu l-pussess rikjest tal-medda art in mertu.

B'dan li ghalhekk, kwalunkwe' vettura li thalliet mill-konvenut Joseph Bajada jew mill-konvenuti l-ohra jew terzi fuq struzzjonijiet taghhom f'din il-medda art certament tista titqies bhala att spoljattiv kif sejjer jigi kkunsidrat hawn aktar l-isfel fil-kunsiderazzjonijiet dwar it-tieni element tal-*actio spolii*.

Il-fatt li l-konvenut Joseph Bajada jallega li semmai kien hu li gie spoljat mill-pussess bl-azzjonijiet tal-attur fejn dan, jew terzi fuq struzzjonijiet tieghu, rbolaw borg gebel fl-entrata liema borg gebel gie eventwalment rimpjazzat b'gaffa, imbaghad cint, imbaghad kanna orizzontali mizmuma ma' ohra wieqfa, sakemm fl-ahhar saret grada kif diga inghad, ma' jsiwa ghalxejn f'din l-istanza fejn it-talbiet li bihom hija marbuta din il-Qorti huma dawk tal-attur.

Kien semmai jispetta lill-konvenut li jressaq kawza ta' spoll tieghu fit-terminu opportun jekk tassew hass li kien hemm xi azzjoni spoljattiva da parti tal-attur li dwarha kellu jittutela ruhu.

Dan jinghad partikolarment stante li l-konvenut Joseph Bajada stess kien sahansitra bghat ittra gudizzjarja fejn irreklama li sehh att spoljattiv fil-konfront tieghu, anke jekk din l-istess baghta lill terzi mhux parti minn din l-istanza, izda naqas milli jiehu proceduri wara l-istess u kif fiha intima li kien ser jaghmel u dan ghar-ragunijiet tieghu li spjega fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti izda li certament ma' jistghux jinpingu fuq d-dritt ta' l-attur li jmexxi b'din il-kawza odjerna gjaladarba kellu l-pussess mehtieg u l-istess gie lilu zvestit.[96]

Hawnhekk anqas jista jinghad li tali allegazzjonijiet tal-konvenut Joseph Bajada jistghu jigu meqjusa fid-dawl tal-principju defenzjonali tal-*vim vi repellere licet* kemm ghaliex tali difiza ma taqjmitx fl-eccezzjonijiet relattivi kif ukoll ghaliex l-

[96] Ref. ittra gudizzjarja mibghuta, *inter alia*, mill-konvenut Joseph Bajada lill certi L. Attard u M. Attard ezebita a fol 33.

istess principju jippretendi azzjoni tutelattiva immedjata li f'dan il-kaz jirrizulta ampjament li ma sehhitx bil-konvenut Joseph Bajada jammetti li l-azzjonijiet tal-attur jew terzi f'ismu bdew fl-2018 izda, minkejja dan, ma' ressaq ebda prova li ttiehdu xi passi gudizzjarji kontra l-istess attur.

Il-konvenut Joseph Bajada stess sahanistra jammetti li meta ghaddiet vettura tieghu mil-medda art in mertu, fiha kien hemm xi zergha, ghalkemm jghid li din il-medda art inhartet u nzerghat bi skop hazin sabiex tigi tidher qisha parti mir-raba' tal-attur meta skontu m'hijiex.

Din l-ammissjoni ulterjuri tal-konvenut issahha l-fehma ta' din il-Qorti li fil-mument li sehh l-att spoljattiv allegat mill-attur; l-attur xi tip ta' pussess fuq il-medda art in mertu zgur kellu, tant li l-konvenut Joseph Bajada stess jghid li fl-istess medda art anke zergha kien hemm.

Din il-Qorti hija ghalhekk aktar milli konvinta li l-pussess rikjest kien jissussisti fl-attur b'dan l-element rikjest sabiex tista tirnexxi kawza ta' spoll huwa sodisfatt.

Il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex tezamina l-elementi l-ohra rekwiziti f'kawza ta' spoll u taghmel il-kostatazzjonijiet taghha dwarhom inkluz fid-dawl ta' dak hawn fuq diga' kkunsidrat.

**Rigward it-tieni element, il-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu –** ***spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant ghamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jinghad kif isegwi:

> *Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun*

*wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [97]

Mill-assjem tal-provi jirrizulta car li l-konvenut jew terzi pparkeggjaw vettura fil-medda art li l-attur iqies bhala tieghu u li din il-Qorti kkunsidrat li certament kellu l-pussess taghha.

Dan stante l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Bajada stess li jghid li tali vettura ddahlet fl-inhawi meta kien ghada licenzjata u bin-numru ta' registrazzjoni fuqha u qabel saret il-grada li ghalqet il-medda art detta passagg jew entarata u thalliet hemm sakemm giet hemm garaxxjata, bin-numri ta' registrazzjoni tnehhew min fuqha, u wara li saret il-grada li ghalqet l-istess medda art.

Infatti, il-konvenut Joseph Bajada jiddeskrivi li kien hu li kien dahhal din il-vettura fl-inhawi u halliha hemm u li meta martu, il-konvenuta Karen Bajada, u ibnu Etienne Bajada flimkien ma' elettricista marru jinstallaw *cameras* tas-*CCTV* ma' arbli tad-dawl diga in situ, kienet lahqet saret il-grada bil-vettura kienet ghalhekk maghluqha wara l-istess.

Fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut Joseph Bajada jispjega kif fil-fatt halla din il-vettura wara u marbuta mal-istess grada.

Minn hawnhekk jirrizulta li l-att spoljattiv ghalhekk sehh mill-konvenut meta ghalaq il-passagg lill-attur, liema passagg gie hawn diga' ikkunsidrat li kien fil-pussess tal-attur, billi ppermetta li tihalla din il-vettura fl-entrata tal-istess, a skapitu tal-attur, minn martu u ibnu.

L-istess jinghad dwar il-lanjanza tal-attur fejn dan jghid li l-konvenut ghaffiglu l-wicc tar-raba' u z-zergha li kellu b'dan li kkagunalu hsara.

---

[97] Ref. decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

Il-konvenut Joseph Bajada dan ma' jinnegahx, ghalkemm jghid li jekk inhartet u nzerghat il-medda art detta passagg in mertu dan sar bi skop sabiex isiru pretensjoniet ta' titolu ta' proprjeta' fuq l-istess medda art li skontu ma' jezistux.

Dwar ir-rimanenti atti spoljattivi lanjati mill-attur, ossia t-tikssir ta' bieb tal-kamra agrikola tieghu u t-tkisser ta' arlogg tad-dawl li kien jinsab fl-istess kamra; il-Qorti hija provvista b'sensiela ta' ritratti u filmati li jinsabu ezebiti bhala faxxikolu a fol 52 tal-process li jikkonvincuha li tali agir sar mill-konvenuti nkluz dak relattiv ghal din is-sentenza, Joseph Bajada, f'Marzu, 2019.

B'dan li ghalhekk anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jirrizulta ampjament ippruvat u sodisfatt.

**Rigward it-tielet element, l-*infra bimester deduxissi*,** il-Qorti tosserva illi l-attur jallega li l-atti spoljattivi sehhew f'diversi dati ossia, fid-9 ta' Marzu, 2019, it-13 ta' Marzu, 2019, l-24 u l-25 ta' Marzu, 2019, kif ukoll id-9 ta' April, 2019.

L-attur jelenka dawn id-dati sa' mill-istadju bikri tar-rikors promotur tieghu u jkompli jikkonferma l-istess tul il-gbir tal-provi tieghu.[98]

Il-konvenut Joseph Bajada nniffsu jidher jikkonferma dawn id-dati ghalkemm mhux bil-precizzjoni tal-gurnata u ghalkemm ma' jammettix spoll izda jammetti li saru azzjonijiet tieghu jew tal-konvenuti l-ohrajn f'tali zminijiet filwaqt li jinsisti li dawn ilkoll saru fuq art proprjeta' tieghu.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet diga' maghmulha din il-Qorti tqis li hi ta' minn hi l-art fis-sens ta' titolu ta' proprjeta' gie ben pruvat a sodisfazzjon taghha li meta sehhew l-azzjonijiet li minnhom jilmenta l-attur u li l-konvenut ma' jinnegax; l-attur

---

[98] Ref. in partikolari [i] l-ittra legali ossia kwerela tal-attur tal-11 ta' Marzu, 2019 – a fol 7 – li tindika is-7 ta' Marzu, 2019 bhala l-aktar data 'il bod fejn sehh att spoljattiv; [ii] l-ittra gudizzjarja tad-29 ta' Marzu, 2019 – a fol 9 – li tikkonferma d-data tat-13 ta' Marzu, 2019 kif ukoll dik tal-25 ta' Marzu, 2019.

kellu l-pussess rikjest mill-ligi u l-gurisprudenza sabiex tista tirnexxi kawza ta' spoll.

Dawn l-azzjonijiet bdew f'Marzu, 2019 – xhar u sena li huma konfermati mill-filmati u ritratti mehuda mill-istess – *sceengrabs* – kif ezebiti mill-attur u li jinsabu in atti.[99]

Bhala l-aktar data fil-bod li fiha sehhew tali azzjonijiet din il-Qorti tqis l-istess bhala dik tas-7 ta' Marzu, 2019 – minkejja li fir-rikors promotur tieghu l-attur isemmi d-9 ta' Marzu, 2019. U dan stante li fl-ittra legali ossia kwerela tieghu tal-11 ta' Marzu, 2019 – a fol 7 tal-process – l-attur inissel proprju din id-data.

Hija ghalhekk tali data li din il-Qorti trid u sjera tikkunsidra sabiex tistabilixxi jekk din l-azzjoni saritx mill-attur fit-terminu perentorju ta' xahrejn. Kwistjoni li tirrizulta kjarament fl-affermattiv stante li l-istess giet intavolata nhar it-12 ta' April, 2019 skont it-timbru tar-registru ta' din il-Qorti li jidher a fol 1 tal-process.

Huwa ghalhekk li anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jirrizulta sodisfatt.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Joseph Bajada, tilqa' it-talbiet atturi kif dedotti u, b'referenza ghat-tieni talba attrici, tiffissa terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenut Joseph Bajada jisporga l-ispoll billi jizgombra mil-medda art li tidher fil-pjanta a fol 6 tal-process, u jirripristina il-bieb tal-kamra agrikola tal-attur kif ukoll l-arlogg tad-dawl li kien jinsab gewwa fiha.

[99] A fol 52 tal-process.

Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel tali xoghol rimedjali hu a spejjez tal-konvenut Joseph Bajada.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-konvenut Joseph Bajada mentri dawk tad-decizjoni preliminari tat-3 ta' Lulju, 2020 u dik finali tal-15 ta' Jannar, 2021 jigu sopportati mill-konvenuti lkoll in solidum.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**